

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

C 208

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 50

6 ta' Settembru 2007

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA

2007/C 208/01

Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE 1


 The logo consists of the letters 'MT' in a bold, serif font, enclosed within a square border.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA

Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE

(2007/C 208/01)

- A. Dan l-avviż huwa maħruġ taħt ir-regoli tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il-quddiem "il-Ftehim ŻEE") u l-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar l-istabbiliment ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza u l-Qorti tal-Ġustizzja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti").
- B. Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il-quddiem "il-Kummissjoni Ewropea") ħarġet avviż bit-titlu ta' "Linji Gwida dwar l-Aplikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat" ⁽¹⁾. Dan l-att li ma jorbotx jistabbilixxi l-prinċipji li ssegwi l-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet għal eċċezzjoni li jinsabu fl-Artikolu 81(3) KE.
- C. L-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA tqis dan l-att imsejmi hawn fuq bħala rilevanti għaż-ŻEE. Sabiex jinżammu kondizzjonijiet indaqs tal-kompetizzjoni u biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kompetizzjoni taż-ŻEE fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA tadotta din in-Notifika taħt is-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. Hija bi ħsiebha ssegwi l-prinċipji u r-regoli stabbiliti f'din in-Notifika meta tapplika r-regoli taż-ŻEE rilevanti għal każ partikolari ⁽²⁾.
- D. B'mod partikolari, l-għan ta' din in-Notifika huwa biex tistabbilixxi l-interpretazzjoni mill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA tal-kondizzjonijiet għall-eċċezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 53(3) u biex tipprovdi gwida dwar kif l-Artikolu tas-Sorveljanza ta' l-EFTA ser tapplika l-Artikolu 53 f'każ partikolari.
- E. Din in-Notifika tgħodd għal każijiet fejn l-Awtorità hija l-awtorità tas-sorveljanza kompetenti taħt l-Artikolu 56 tal-Ftehim ŻEE.

1. DAĦLA

- (1) L-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE jistabbilixxi regola ta' eċċezzjoni, li tipprovdi difiża lil intrapriżi kontra sejba ta' ksur ta' l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE, ftehimiet, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u

prattiki miftiehma ⁽³⁾ maqbuda mill-Artikolu 53(1) li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma validi u infurzabbli, u mingħajr bżonn ta' ebda deċiżjoni minn qabel f'dan is-sens.

- (2) L-Artikolu 53(3) jista' jiġi applikat f'każijiet individwali jew għal kategoriji ta' ftehimiet u Prattika miftiehma permezz ta' atti li jikkorrispondu għar-regolamenti Komunitarji ta'

⁽¹⁾ ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97.

⁽²⁾ Il-kompetenza biex jiġu ttrattati każijiet individwali li jaqgħu taħt l-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE, hija maqsuma bejn l-Awtorità tas-Sorveljanza taż-ŻEE u l-Kummissjoni skond ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 56 tal-Ftehim ŻEE. Waħda biss mill-awtoritajiet tas-sorveljanza hija kompetenti biex tittratta każ speċifiku.

⁽³⁾ F'dan li ġej it-terminu "ftehim" jinkludi Prattika miftiehma u deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi.

- eżenzjoni ġenerali msemmija fl-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE (minn hawn 'il quddiem "eżenzjonijiet ġenerali"). Il-Kapitolu II tal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti (minn hawn 'il quddiem "il-Kapitolu II")⁽⁴⁾ ma jaffettwax il-validità u n-natura legali ta' l-eżenzjonijiet ġenerali. L-eżenzjonijiet ġenerali eżistenti kollha jibqgħu fis-seħħ u l-ftehimiet koperti mill-eżenzjonijiet ġenerali huma legalment validi u infurzabbli wkoll jekk jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(1). Dawn il-ftehimiet jistgħu biss jiġu pprojbti għall-futur, u dan isir biss meta l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA, jew awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ta' l-EFTA jirtiraw b'mod formali l-eżenzjoni ġenerali⁽⁵⁾. Il-ftehimiet li huma eżentati b'mod ġenerali ma jistgħux jiġu ddikjarati invalidi mill-qrati nazzjonali fil-kuntest ta' litigazzjoni privata.
- (3) Il-linji gwida eżistenti dwar ir-restrizzjonijiet vertikali, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali u l-ftehimiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija⁽⁶⁾ jittrattaw l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53 għal bosta tipi ta' ftehimiet u prattiki miftiehma. L-għan ta' daww il-linji gwida huwa li jistabbilixxu l-perspettiva ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-kriterji sostantivi ta' stima applikati għall-bosta tipi ta' ftehimiet u prattika.
- (4) Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-interpretazzjoni ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-kondizzjonijiet għall-eċċezzjoni li jinsabu fl-Artikolu 53(3). B'hekk hija tippovdi gwida dwar kif se tapplika l-Artikolu 53 fil-każijiet individwali. Għalkemm ma jorbtux, dawn il-linji gwida huma wkoll maħsuba li jipprovdu gwida lill-qrati u lill-awtoritajiet ta' l-Istati ta' l-EFTA fl-applikazzjoni tagħhom ta' l-Artikolu 53(1) u (3) tal-Ftehim ŻEE.
- (5) Il-linji gwida jistabbilixxu qafas analitiku għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3). L-għan huwa li tiġi żviluppata metodoloġija għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Din il-metodoloġija hija bbażata fuq l-istrateġija ekonomika diġà introdotta u żviluppata fil-linji gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali, il-ftehimiet orizzontali dwar il-
- kooperazzjoni u l-ftehimiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija. L-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA se ssegwi dawn il-linji gwida, li jipprovdu gwida aktar dettaljata dwar l-applikazzjoni ta' l-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) mil-linji gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali, il-ftehimiet orizzontali dwar il-kooperazzjoni u l-ftehimiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija, ukoll fir-rigward ta' ftehimiet koperti minn daww il-linji gwida.
- (6) L-istandards stabbiliti f'dawn il-linji gwida għandhom jiġu applikati fid-dawl ta' ċirkostanzi li huma speċifiċi għal kull każ. Dan jeskludi applikazzjoni mekkanika. Kull każ irid jiġi evalwat skond il-fatti tiegħu u l-linji gwida għandhom jiġu applikati b'mod raġonevoli u flessibbli.
- (7) Dwar għadd ta' kwistjonijiet, dawn il-linji gwida jissottolinjaw l-istat preżenti tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' l-EFTA u dik tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej taħt id-dispożizzjonijiet korrispondenti fit-Trattat tal-KE⁽⁷⁾. Madankollu, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA bi ħsiebha wkoll tispjega l-politika tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet li ma ġewx ittrattati fil-każistika, jew li huma soġġetti għall-interpretazzjoni. Iżda l-pożizzjoni ta' l-Awtorità hija mingħajr preġudizzju għall-ġurisprudenza tal-Qorti ta' l-EFTA, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 53(1) u (3), u għall-interpretazzjoni li jistgħu jagħtu l-Qorti ta' l-EFTA u l-Qrati Komunitarji għal daww id-dispożizzjonijiet fil-futur.

2. IL-QAFAS ĠENERALI TA' L-ARTIKOLU 53 TAL-FTEHIM ŻEE

2.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE

- (8) L-Artikolu 53(1) jipprojbixxi l-ftehimiet kollha bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi u prattika miftiehma li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn

⁽⁷⁾ L-Artikolu 6 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li, mingħajr preġudizzju għall-iżviluppi futuri tal-ġurisprudenza, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, sa fejn huma identiċi fis-sustanza għar-regoli korrispondenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u għal Atti addottati b'applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ Trattati, għandhom fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom, jiġu interpretati skond id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mogħtija qabel id-data tal-Ftehim ŻEE. Dwar id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija wara li ġie ffirmat il-Ftehim ŻEE, isegwi mill-Artikolu 3(2) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti li l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA u l-Qorti ta' l-EFTA għandhom iqisu b'mod xieraq il-prinċipji stabbiliti minn dawn id-deċiżjonijiet.

⁽⁴⁾ Meta l-Ftehim li jemenda l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' l-Istati ta' l-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ta' l-24 ta' Settembru 2004 ikun daħal fis-seħħ, il-Kapitolu II tal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti fil-parti l-kbira jiġi riless fir-Regolament Pilastru tal-Kunsill ta' l-EFTA (KE) Nru 1/2003 (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

⁽⁵⁾ Ara l-paragrafu 36 hawn taħt.

⁽⁶⁾ Ara n-Notifika ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-Linji Gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali (ĠU C 122, 23.5.2002, p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU, Nru 26, 23.5.2002, p.7), in-Notifika ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni orizzontali (ĠU C 266, 31.10.2002, p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU, Nru 55, 31.10.2002, p. 1) u n-Notifika ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-ftehimiet dwar it-trasferiment tat-teknoloġija, li għadhom mhumiex adottati.

il-Partijiet Kuntraenti tal-Ftehim ŻEE⁽⁸⁾ u li għandhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom it-trażżin, ir-restrizzjoni jew it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni⁽⁹⁾.

- (9) Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, l-Artikolu 53(3) jipprovdi li l-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 53(1) tista' tiġi ddikjarata inapplikabbli fil-każ ta' ftehimiet li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-merkanzija jew għall-promozzjoni tal-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li jagħtu lill-konsumaturi sehem ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw, u li ma jimponux restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli għall-ksib ta' dawn l-għanijiet, u ma jagħtux lil dawn l-intrapriżi l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.

- (10) Skond l-Artikolu 1(1) tal-Kapitolu II il-ftehimiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) u li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma pprojbiti, mingħajr bżonn ta' ebda deċiżjoni minn qabel f'dan is-sens⁽¹⁰⁾. Skond l-Artikolu 1(2) tal-Kapitolu II il-ftehimiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) iżda li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) mhumiex ipprojbiti, mingħajr bżonn ta' ebda deċiżjoni minn qabel f'dan is-sens. Dawn il-ftehimiet huma validi u infurzabbli mill-mument li l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma sodisfatti u sakemm dan jibqa' jkun il-każ.

- (11) L-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 53 għalhekk jikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel pass huwa li jiġi evalwat jekk ftehim bejn intrapriżi, li huwa kapaċi li jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kuntraenti tal-Ftehim ŻEE, għandux għan anti-kompetittiv, jew effetti anti-kompetittivi attwali jew potenzjali⁽¹¹⁾. It-tieni pass, li jsir rilevanti biss meta ftehim jinstab li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, huwa li jiġu ddeterminati l-benefiċċji pro-kompetittivi u jiġi stmat jekk dawn l-effetti pro-kompetittivi humiex akbar mill-effetti anti-kompetittivi. Il-bilanċjar ta' dawn l-effetti pro-kompetittivi jsir esklużivament fil-qafas stabbilit mill-Artikolu 53(3)⁽¹²⁾.

⁽⁸⁾ Il-kunċett ta' l-effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kuntraenti taż-ŻEE huwa ttrattat f'linji gwida separati, ara l-Linji Gwida ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar il-kunċett ta' l-effett fuq il-kummerċ li jinsab fl-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE, għandhom mhumiex ippubblikati.

⁽⁹⁾ F'dan li ġej, it-terminu "restrizzjoni" jinkludi l-prevenzjoni u t-għawwiġ tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁰⁾ Skond l-Artikolu 53(2), dawn il-ftehimiet huma awtomatikament nulli.

⁽¹¹⁾ L-Artikolu 53(1) jipprojbixxi l-effetti anti-kompetittivi kemm attwali kif ukoll potenzjali, ara f'dan ir-rigward il-Kawża C-7/95 P, John Deere, [1998] ECR I-3111, paragrafu 77.

⁽¹²⁾ Ara l-Kawża T-65/98, Van den Bergh Foods, (għad mhux irrapportat), paragrafu 107 u l-Kawża T-112/99, Métropole télévision (M6) u oħrajn, [2001] ECR II-2459, paragrafu 74, fejn il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza rriteniet li huwa biss fil-qafas preċiż ta' l-Artikolu 81(3) li l-aspetti pro- u anti- kompetittivi ta' restrizzjoni jistgħu jintiżnu.

- (12) L-evalwazzjoni ta' kwalunkwe benefiċċju kontrobalanċjanti taħt l-Artikolu 53(3) bilfors teħtieġ li ssir determinazzjoni minn qabel tan-natura u l-impatt restrittivi tal-ftehim. Biex l-Artikolu 53(3) jitqiegħed fil-kuntest tajjeb tiegħu, huwa xieraq li jiġu deskritti fil-qosor l-għan u l-kontenut ewlieni tar-regola ta' projbizzjoni taħt l-Artikolu 53(1). Il-Linji Gwida ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar ir-restrizzjonijiet vertikali, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali u l-ftehimiet tat-trasferiment tat-teknoloġija⁽¹³⁾ fihom gwida sostanzjali dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(1) għal bosta tipi ta' ftehimiet. Dawn il-linji gwida għalhekk huma limitati li jfakkru l-qafas analitiku bażiku għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(1).

2.2. Ir-regola ta' projbizzjoni ta' l-Artikolu 53(1)

2.2.1. Rimarki Ġenerali

- (13) L-għan ta' l-Artikolu 53 huwa li jħares il-kompetizzjoni fis-suq bħala mezz biex jittejjeb il-benessri tal-konsumatur u biex tiġi żgurata allokkazzjoni effiċjenti ta' riżorsi. Il-kompetizzjoni u l-integrazzjoni tas-suq jaqdu dawn l-għanijiet ladarba l-ħolqien u l-preżervazzjoni ta' ŻEE miftuħa jipprovdu allokkazzjoni effiċjenti ta' riżorsi tul it-territorju kollu kopert mill-Ftehim ŻEE għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

- (14) Ir-regola ta' projbizzjoni fl-Artikolu 53(1) tgħodd għal ftehimiet restrittivi u prattiki miftiehma bejn intrapriżi u deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi sa fejn huma kapaċi li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kuntraenti tal-Ftehim ŻEE. Prinċipju ġenerali li jirfed l-Artikolu 53(1) huwa li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod indipendenti l-politika, li bi ħsiebu jadotta fis-suq⁽¹⁴⁾. "Ftehimiet", "deċiżjonijiet" u "prattiki miftiehma" huma kunċetti tal-liġi taż-ŻEE li jippermettu li ssir distinzjoni bejn l-imġiba unilaterali ta' intrapriża u l-koordinazzjoni ta' l-imġiba jew il-ftehim bejn l-intrapriżi⁽¹⁵⁾. L-imġiba unilaterali hija soġġetta biss għall-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE sa fejn hija kkonċernata l-liġi tal-kompetizzjoni taż-ŻEE. Barra minn dan, ir-regola ta' konverġenza stabbilita fl-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu II ma tgħoddx għall-imġiba unilaterali. Din id-dispożizzjoni tgħodd biss għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li huma kapaċi li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kuntraenti tal-Ftehim ŻEE. L-Artikolu 3(2) jipprovdi li meta dawn il-ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki

⁽¹³⁾ Ara n-nota 6 hawn fuq.

⁽¹⁴⁾ Ara eż., il-Każ C-49/92 P, Anic Partecipazioni, [1999] ECR I-4125, paragrafu 116; u l-Każijiet Konġunti 40/73 sa 48/73 u oħrajn, Suiker Unie, [1975] ECR 1663, paragrafu 173. Ara f'dan ir-rigward ukoll il-Każ E-3/97, Jan and Kristian Jæger AS u Opel Norge AS, Ir-Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA [1998] p 1.

⁽¹⁵⁾ Ara s-sentenza fil-Każ E-3/97 iċċitata fin-nota ta' qabel u wkoll f'dan ir-rigward il-paragrafu 108 tas-sentenza f'Anic Partecipazioni iċċitata fin-nota ta' qabel u l-Każ C-277/87, Sandoz Prodotti, [1990] ECR I-45.

miftiehma mhumiex ipprojbiti mill-Artikolu 53, ma jistgħux ikunu pprojbiti mil-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni. L-Artikolu 3 tal-Kapitolu II huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju fundamentali li kwalunkwe kunflitt bejn regoli implimentati taż-ŻEE u l-liġi nazzjonali għandu jiġi riżolt sabiex ir-regoli taż-ŻEE jieħdu preċedenza. Għalhekk il-ftehimiet u l-prattiki abbużivi li huma pprojbiti mill-Artikoli 53 u 54 ma jistgħux jiġu ritenuti validi mil-liġi nazzjonali ⁽¹⁶⁾.

(15) It-tip ta' koordinazzjoni ta' mġiba jew ftehim bejn l-intrapriżi li jaqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 53(1) huwa dak fejn għall-inqas intrapriża waħda vis-à-vis intrapriża oħra tintrabat li tadotta ċerta mġiba fis-suq jew li b'riżultat tal-kuntratti bejniethom l-inċertezza dwar l-imġiba tagħhom fis-suq hija eliminata jew għall-inqas imnaqqsa b'mod sostanzjali ⁽¹⁷⁾. Isegwi li l-koordinazzjoni tista' tiegħu l-forma ta' obbligi li jirregolaw l-imġiba fis-suq ta' għall-inqas waħda mill-partijiet kif ukoll ta' arranġamenti li jinfluwenzaw l-imġiba ta' għall-inqas waħda mill-partijiet billi jikkawgaw tibdil fl-inċentivi tagħha. Mhuwiex meħtieġ li l-koordinazzjoni tkun fl-interess ta' l-intrapriżi kkonċernati kollha ⁽¹⁸⁾. Il-koordinazzjoni wkoll mhux neċessarjament trid tkun espliċita. Tista' wkoll tkun taċita. Biex ftehim ikun jista' jitqies li ġie konkluż bl-aċċettazzjoni taċita, għandu jkun hemm stedina minn intrapriża lil intrapriża oħra, kemm jekk espressa kif ukoll jekk impliċita, biex għan jintlaħaq b'mod konġunt ⁽¹⁹⁾. F'xi ċirkostanzi, ftehim jista' jiġi inferit minn u attribwit għal relazzjoni kummerċjali li tkun għaddejja bejn il-partijiet ⁽²⁰⁾. Madankollu, is-sempliċi fatt li miżura adottata minn intrapriża taqa' fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali kurrenti mhuwiex biżżejjed ⁽²¹⁾.

(16) Il-ftehimiet bejn l-intrapriżi huma maqbuda mir-regola ta' projbizzjoni ta' l-Artikolu 53(1) meta x'aktarx ser ikollhom impatt negattiv apprezzabbli fuq il-parametri tal-kompetizzjoni fis-suq, bħall-prezz, il-produzzjoni, il-kwalità tal-prodott, il-varjetà tal-prodott u l-innovazzjoni. Il-ftehimiet jista' jkollhom dan l-effett billi b'mod apprezzabbli jnaqqsu l-kompetizzjoni bejn il-partijiet tal-ftehim jew bejniethom u terzi.

⁽¹⁶⁾ Ara f'dan ir-rigward il-Każ E-1/94 Restamark [1994-1995] Ir-Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA p 15 u l-Każ 14/68, Walt Wilhelm, [1969] ECR I, u aktar riċenti l-Każ T-203/01, Michelin (II), għad mhux irrapportat, paragrafu 112.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Każijiet Konġunti T-25/95, Cimenteries CBR u oħrajn, [2000] ECR II-491, paragrafi 1849 u 1852; u l-Każijiet Konġunti T-202/98, British Sugar u oħrajn, [2001] ECR II-2035, paragrafi 58 sa 60.

⁽¹⁸⁾ Ara f'dan is-sens il-Każ C-453/99, Courage v Crehan, [2001] ECR I-6297, u l-paragrafu 3444 tas-sentenza f'Cimenteries CBR iċċitata fin-nota ta' qabel.

⁽¹⁹⁾ Ara f'dan ir-rigward l-Każijiet Konġunti C-2/01 P u C-3/01 P, Bundesverband der Arzneimittel-Importeure, għad mhux irrapportati, paragrafu 102.

⁽²⁰⁾ Ara, eż., il-Każijiet Konġunti 25/84 u 26/84, Ford, [1985] ECR 2725.

⁽²¹⁾ Ara f'dan ir-rigward il-paragrafu 141 tas-sentenza f'Bundesverband der Arzneimittel-Importeure iċċitata fin-nota 19.

2.2.2. Il-prinċipji bażiċi biex jiġu evalwati l-ftehimiet taħt l-Artikolu 53(1)

(17) L-evalwazzjoni dwar jekk ftehim jirrestrinġix il-kompetizzjoni għandha ssir fil-kuntest attwali li fih isseħħ il-kompetizzjoni fin-nuqqas tal-ftehim bir-restrizzjonijiet allegati tiegħu ⁽²²⁾. Meta ssir din l-evalwazzjoni huwa meħtieġ li jitqies l-impatt probabbli tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni bejn il-marki (jiġifieri l-kompetizzjoni bejn il-provdituri ta' marki li jikkompetu) u fuq il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka (jiġifieri kompetizzjoni bejn id-distributuri ta' l-istess marka). L-Artikolu 53(1) jipprojbixxi r-restrizzjonijiet kemm tal-kompetizzjoni bejn il-marki kif ukoll kompetizzjoni fi ħdan il-marka ⁽²³⁾.

(18) Sabiex jiġi evalwat jekk ftehim jew il-partijiet individwali tiegħu jistax jirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn il-marki u/jew il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka jeħtieġ li jitqies kif u sa fejn il-ftehim jaffettwa jew x'aktarx jaffettwa l-kompetizzjoni fis-suq. Dawn iż-żewġ mistoqsijiet jipprovdu qafas utli biex issir din l-evalwazzjoni. L-ewwel mistoqsija hija dwar l-impatt tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni bejn il-marki filwaqt li t-tieni mistoqsija hija dwar l-impatt tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka. Minħabba li r-restrizzjonijiet jistgħu jkunu kapaċi li jaffettwaw kemm il-kompetizzjoni bejn il-marki kif ukoll il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka fl-istess ħin, jista' jkun meħtieġ li tiġi analizzata restrizzjoni fid-dawl taż-żewġ mistoqsijiet qabel ma jista' jiġi konkluż jekk il-kompetizzjoni hijiex ristretta fis-sens ta' l-Artikolu 53(1):

(1) Il-ftehim jirrestrinġi l-kompetizzjoni attwali jew potenzjali li setgħet eżistiet mingħajr il-ftehim? Jekk iva, il-ftehim jista' jaqa' taħt l-Artikolu 53(1). Biex issir din l-evalwazzjoni huwa meħtieġ li titqies il-kompetizzjoni bejn il-partijiet u l-kompetizzjoni minn terzi. Per eżempju, fejn żewġ intrapriżi stabbiliti fi Stati differenti taż-ŻEE jintrabtu li ma jbigħux prodotti fis-wieq domestiċi ta' xulxin, il-kompetizzjoni (potenzjali) li eżistiet qabel il-ftehim hija ristretta. B'mod simili, fejn provditur jimponi obbligi fuq id-distributuri tiegħu li ma jbiegħux prodotti li jikkompetu u dawn l-obbligi jagħlqu l-aċċess ta' terzi għas-suq, il-kompetizzjoni attwali jew potenzjali li setgħet eżistiet fin-nuqqas tal-ftehim hija ristretta. Meta jiġi stmat jekk il-partijiet ta' ftehim humiex kompetituri attwali jew potenzjali għandu jitqies il-kuntest ekonomiku u legali. Per eżempju, jekk minħabba r-riskji finanzjarji involuti u l-kapaċitajiet tekniċi tal-partijiet mhux probabbli fuq il-bażi ta' fatturi oġġettivi kull parti tkun tista twettaq waħedha l-attivitajiet koperti mill-ftehim, il-partijiet jitqiesu li mhumiex kompetituri

⁽²²⁾ Ara l-Kawża 56/65, Société Technique Minière, [1966] ECR 337, u l-paragrafu 76 tas-sentenza f'John Deere, iċċitata fin-nota 11.

⁽²³⁾ Ara f'dan ir-rigward eż., il-Kawża Konġunti 56/64 u 58/66, Consten u Grundig, [1966] ECR 429.

fir-rigward ta' dik l-attività⁽²⁴⁾. Hija r-responsabbiltà tal-partijiet li jressqu l-provi f'dan is-sens.

- (2) Il-ftehim jirrestrinġi l-kompetizzjoni attwali jew potenzjali li setgħet eżistiet fin-nuqqas ta' restrizzjoni(jiet) kuntrattwali? Jekk iva, il-ftehim jista' jinqabad mill-Artikolu 53(1). Per eżempju fejn provdatur jirrestrinġi lid-distributori tiegħu milli jikkompetu ma' xulxin, il-kompetizzjoni (potenzjali) li setgħet eżistiet bejn id-distributori mingħajr ir-restrizzjonijiet hija ristretta. Dawn ir-restrizzjonijiet jinkludu ż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid r-restrizzjonijiet dwar bejn territorjali jew lil klijenti partikolari bejn id-distributori. Iżda, xi restrizzjonijiet jistgħu f'xi każijiet ma jinqabdux mill-Artikolu 53(1) meta r-restrizzjoni hija oġġettivament neċessarja għall-eżistenza ta' ftehim ta' dak it-tip jew ta' dik in-natura⁽²⁵⁾. Din l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(1) tista' ssir biss fuq il-bażi ta' fatturi esterni għall-partijiet stess u mhux il-fehmiet u l-karatteristiċi suġġettivi tal-partijiet. Il-kwistjoni mhi-jiex jekk il-partijiet fis-sitwazzjoni partikolari ma kinux jaċċettaw li jikkonkludu ftehim inqas restrittiv, iżda jekk minħabba n-natura tal-ftehim u l-karatteristiċi tas-suq kienx jiġi konkluż ftehim inqas restrittiv mill-intrapriżi f'sitwazzjoni simili. Per eżempju, ir-restrizzjonijiet territorjali fi ftehim bejn provdatur u distributor jistgħu għal xi żmien jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1), jekk ir-restrizzjonijiet huma oġġettivament meħtieġa biex id-distributur jippenetra suq ġdid⁽²⁶⁾. B'mod simili, projbizzjoni imposta fuq id-distributori kollha li ma jbigħux lil xi kategoriji ta' konsumaturi aħħarin tista' ma tirrestrinġix il-kompetizzjoni jekk din id-restrizzjoni hija oġġettivament meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà jew saħħa relatati man-natura perikoluża tal-prodott in kwistjoni. Il-pretensjonijiet li fin-nuqqas ta' restrizzjoni l-provdatur kien jirrikorri għal integrazzjoni vertikali mhumix biżżejjed. Id-deċiżjonijiet dwar jekk issirx integrazzjoni vertikali jew le jiddependu fuq firxa kbira ta' fatturi ekonomiċi kumplessi, li għadd minnhom huma interni għall-intrapriża in kwistjoni.

- (19) Fl-applikazzjoni tal-qafas analitiku stabbilit fil-paragrafu ta' qabel, għandu jitqies li l-Artikolu 53(1) jiddistingwi bejn dawk il-ftehimiet li għandhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni u dawk il-ftehimiet li għandhom restrizzjoni tal-kompetizzjoni bħala l-effett tagħhom. Ftehim jew

restrizzjoni kuntrattwali huwa/hija pprojbit(a) biss mill-Artikolu 53(1) jekk l-għan jew l-effett huwa li j/tirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn il-marki jew il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka.

- (20) Id-distinzjoni bejn ir-restrizzjonijiet skond l-għan u r-restrizzjonijiet skond l-effett hija importanti. Ladarba jkun ġie stabbilit li ftehim għandu bħala l-għan tiegħu r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, ma hemmx bżonn li jitqiesu l-effetti konkreti tiegħu⁽²⁷⁾. Fi kliem ieħor, għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(1) ebda effett anti-kompetittivi attwali ma għandu għalfejn jintwera fejn il-ftehim għandu bħala l-għan tiegħu r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 53(3) ma jiddistingwix bejn ftehimiet li jirrestrinġu kompetizzjoni bħala għan u l-ftehimiet li jirrestrinġu l-kompetizzjoni bħala effett. L-Artikolu 53(3) jgħodd għall-ftehimiet kollha li jilhq u l-erba' kondizzjonijiet li jinsabu fih⁽²⁸⁾.
- (21) Ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni skond l-għan huma dawk li min-natura tagħhom stess għandhom il-potenzjal li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Dawn huma restrizzjonijiet li fid-dawl ta' l-għanijiet tar-regoli tal-kompetizzjoni taż-ŻEE għandhom potenzjal ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni li tant huwa għoli, li, sabiex jiġi applikat l-Artikolu 53(1), mhux meħtieġ li jintwerew effetti attwali fis-suq. Din il-preżunzjoni hija bbażata fuq in-natura serja tar-restrizzjoni u fuq l-esperjenza li turi li r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni skond l-għan x'aktarx jipproduċu effetti negattivi fis-suq u jqiegħdu fil-periklu l-għanijiet imfittxija mir-regoli tal-kompetizzjoni taż-ŻEE. Ir-restrizzjonijiet skond l-għan bħall-iffissar tal-prezzijiet u t-tqassim tas-suq inaqqsu l-produzzjoni u jgħollu l-prezzijiet, li jwasslu għal allokkazzjoni ħażina tar-riżorsi, għaliex il-prodotti u s-servizzi mitluba mill-klijenti ma jiġux prodotti. Iwasslu wkoll għal tnaqqis fil-benessri tal-konsumatur, għaliex il-konsumaturi jkollhom iħallsu prezzijiet ogħla għall-prodotti u s-servizzi in kwistjoni.

- (22) L-evalwazzjoni jekk ftehim għandu jew m'għandux bħala l-għan tiegħu r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni hija bbażata fuq għadd ta' fatturi. Dawn il-fatturi jinkludu, b'mod partikolari, il-kontenut tal-ftehim u l-għanijiet oġġettivi mfitxija minnu. Jista' wkoll ikun meħtieġ li jitqies il-kuntest fejn (għandu) jiġi applikat u l-imġiba attwali tal-partijiet fis-suq⁽²⁹⁾. Fi kliem ieħor, tista' tkun meħtieġa eżaminazzjoni tal-fatti li jirfdu l-ftehim u ċ-ċirkostanzi speċifiċi fejn jopera qabel ma jiġi konkluż jekk restrizzjoni partikolari tikkos-

⁽²⁴⁾ Ara f'dan ir-rigward eż., id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Elopak/Metal Box – Odin, (ĠU L 209, 8.8.1990, p. 15) u f'TPS, (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 6).

⁽²⁵⁾ Ara f'dan ir-rigward is-sentenza f'Société Technique Minière iċċitata fin-nota 22 u l-Każ 258/78, Nungesser, [1982] ECR 2015.

⁽²⁶⁾ Ara r-regola 10 fil-paragrafu 119 tal-Linji Gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali iċċitata fin-nota 6 hawn fuq, skond liema fost l-oħrajn ir-restrizzjonijiet ta' bejgħ passiv – restrizzjoni assolutament iprojbita – jitqiesu li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 53 (1) għal żmien ta' sentejn meta r-restrizzjoni hija marbuta mal-ftuħ ta' swieq ta' prodotti jew ġeografiċi ġodda.

⁽²⁷⁾ Ara eż., il-paragrafu 99 tas-sentenza f'Anic Partecipazioni iċċitata fin-nota 14.

⁽²⁸⁾ Ara l-paragrafu 47 hawn taħt.

⁽²⁹⁾ Ara l-Kawżi Konġunti 29/83 u 30/83, CRAM ud Rheinzink, [1984] ECR 1679, paragrafu 26, u l-Kawżi Konġunti 96/82, ANSEAU-NAWEWA u oħrajn, [1983] ECR 3369, paragrafi 23-25.

titwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni skond l-għan. Il-mod li bih ftehim huwa attwalment implimentat jista' jżvela restrizzjoni skond l-għan ukoll meta l-ftehim formali ma fihx dispożizzjoni espressa f'dan is-sens. Il-provi ta' intenzjoni soġġettiva min-naħa tal-partijiet li jirrestrinġu l-kompetizzjoni huwa fattur rilevanti, iżda mhux kondizzjoni neċessarja.

- (23) Gwida mhux eżawrjenti dwar x'jikkostitwixxu r-restrizzjonijiet skond l-għan tista' tinsab fl-eżenzjonijiet ġenerali u fil-linji gwidi u l-avviżi ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA. Ir-restrizzjonijiet li huma assolutament ipprobiti (lista sewda) fl-eżenzjonijiet ġenerali jew li huma ddefiniti b'ħala restrizzjonijiet assolutament proibiti fil-linji gwida u fl-avviżi ġenerali jgħid li jikkostitwixxu restrizzjonijiet skond l-għan. Fil-każ ta' ftehimiet orizzontali ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni skond l-għan jinkludu l-iffissar tal-prezzijiet, il-limitazzjoni tal-produzzjoni u t-tqassim tas-swieq u l-konsumaturi⁽³⁰⁾. Dwar il-ftehimiet vertikali l-kategorija ta' restrizzjonijiet skond l-għan tinkludi, b'mod partikolari, iż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid fiss u minimu, u restrizzjonijiet li jipprovdut protezzjoni territorjali assoluta, inklużi r-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ passiv⁽³¹⁾.

- (24) Jekk ftehim ma jirrestrinġix il-kompetizzjoni skond l-għan għandu jiġi eżaminat jekk għandux *effetti restrittivi* fuq il-kompetizzjoni. Għandhom jitqiesu kemm l-effetti attwali kif ukoll dawk potenzjali⁽³²⁾. Fi kliem ieħor il-ftehim għandu jkollu effetti x'aktarx anti-kompetittivi. Fil-każ ta' restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni skond l-effett ma hemm ebda preżunzjoni ta' effetti anti-kompetittivi. Biex ftehim ikun restrittiv skond l-effett għandu jaffettwa l-kompetizzjoni attwali jew potenzjali sa tali punt li fis-suq rilevanti

jistgħu jiġu mistennija b'livell raġonevoli ta' probabbiltà effetti negattivi fuq il-prezzijiet, il-produzzjoni, l-innovazzjoni jew il-varjetà jew il-kwalità tal-prodotti jew is-servizzi⁽³³⁾. Dawn l-effetti negattivi għandhom ikunu *apprezzabbli*. Ir-regola ta' projbizzjoni fl-Artikolu 53(1) ma tgħoddx meta l-effetti anti-kompetittivi identifikati huma insinjifikanti⁽³⁴⁾. Dan it-test jirrefletti l-istrateġija ekonomika li tapplika l-Awtorità tas-sorveljanza ta' l-EFTA. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 53(1) tgħodd biss meta fuq il-bażi ta' analiżi tas-suq tajba jista' jiġi konkluż li l-ftehim għandu jkollu effetti x'aktarx anti-kompetittivi fis-suq⁽³⁵⁾. Biex jinstab dan mhuwiex biżżejjed li l-ishma tas-suq tal-partijiet jeċċedu l-limiti stabbiliti fl-avviż *de minimis* ta' l-Awtorità⁽³⁶⁾. Il-ftehimiet li jaqgħu taħt il-'kennijiet' ta' l-eżenzjonijiet ġenerali jistgħu jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) iżda dan mhuwiex neċessarjament il-każ. Barra minn dan, il-fatt li minħabba l-ishma tas-suq tal-partijiet, ftehim jaqa' barra mill-kenn ta' eżenzjoni ġenerali huwa fih innifsu bażi insuffiċjenti biex jinstab li l-ftehim jaqa' taħt l-Artikolu 53(1) jew li ma jilħaqx il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3). L-ewvalwazzjoni individwali ta' l-effetti probabbli prodotti mill-ftehim hija meħtieġa.

- (25) L-effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni fis-suq rilevanti x'aktarx iseħħu meta l-partijiet individwalment jew b'mod konġunt għandhom jew jiksbu xi livell ta' setgħa fis-suq u l-ftehim jikkontribwixxi għall-ħolqien, iż-żamma jew it-tisħiħ tas-setgħa tas-suq jew jippermetti lill-partijiet jisfruttaw din is-setgħa fis-suq. Is-setgħa fis-suq hija l-abilità li jinżammu l-prezzijiet ogħla mil-livell kompetittiv għal żmien sinjifikanti jew li tinżamm il-produzzjoni f'termini ta' kwantitajiet ta' prodotti u varjetà jew innovazzjoni inqas mil-livelli kompetittivi għal żmien sinjifikanti. Fi swieq bi spejjeż fissi għoljin, l-intrapriżi għandhom jipprezzaw b'mod sinjifikanti ogħla mill-ispejjeż marġinali tal-produzzjoni sabiex jiżguraw dħul lura kompetittiv fuq l-investment tagħhom. Il-fatt li l-intrapriżi jipprezzaw ogħla mill-ispejjeż marġinali mhuwiex fih innifsu sinjal li l-kompetizzjoni fis-suq mhiex

⁽³⁰⁾ Ara l-Linji Gwida dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali, iċċitati fin-nota 6, paragrafu 25, u l-Artikolu 5 ta' l-att imsemmi fil-punt 6 ta' l-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE (Ir-Regolament (KE) Nru 2658/2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE għal xi kategoriji ta' ftehimiet ta' speċjalizzazzjoni, ĠU L 304, 5.12.2000, p. 3, kif inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2000 tat-22.12.2000 (ĠU L 52, 22.2.2001, p. 38 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU Nru 9, 22.2.2001, 22., p. 5), e.i.f. 1.1.2001.

⁽³¹⁾ Ara l-Artikolu 4 ta' l-Att imsemmi fil-punt 2 ta' l-Anness XIV Annex XIV tal-Ftehim ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma, ĠU L 336, 29.12.1999, p. 21 (kif inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2000 tat-28 ta' Jannar 2000, ĠU, L 103, 12.4.2001, p. 36), u l-Linji Gwida dwar ir-Restrizzjonijiet Vertikali, iċċitati fin-nota, paragrafu 46 *et seq.* (ĠU C 122, 23.5.2002, p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU Nru 26, 23.5.2002, p. 7). Ara wkoll il-Kawża 279/87, Tipp-Ex, [1990] ECR I-261, u l-Kawża T-62/98, Volkswagen v Il-Kummissjoni, [2000] ECR II-2707, paragrafu 178.

⁽³²⁾ Ara l-paragrafu 77 tas-sentenza f'John Deere iċċitata fin-nota 10.

⁽³³⁾ Mhuwiex biżżejjed fih innifsu li l-ftehim jirrestrinġi l-libertà ta' l-azzjoni ta' parti waħda jew aktar, ara l-paragrafi 76 u 77 tas-sentenza f'Métropole television (M6) iċċitata fin-nota 12. Dan huwa skond il-fatt li l-għan ta' l-Artikolu 53 huwa li jhars il-kompetizzjoni fis-suq għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

⁽³⁴⁾ Ara eż., il-Każ 5/69, Völk, [1969] ECR 295, paragrafu 7. Gwida dwar il-kwistjoni ta' l-apprezzabbiltà tista' tinsab fl-Avviż ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar ftehimiet ta' importanza minuri li ma jirrestrinġux b'mod apprezzabbli l-kompetizzjoni taħt l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE (ĠU C 67, 20.3.2003, p. 20 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU Nru 15, 20.3.2003, p. 11). L-avviż jiddefinixxi l-apprezzabbiltà b'mod negattiv. Il-ftehimiet li jaqgħu fl-ambitu ta' l-avviż *de minimis*, mhux neċessarjament għandhom effetti restrittivi apprezzabbli. Hija meħtieġa ewvalwazzjoni individwali.

⁽³⁵⁾ Ara f'dan ir-riġard il-Kawża Konġunti T-374/94 u oħrajn, European Night Services, [1998] ECR II-3141. Ara wkoll il-Kawża E-8/00, Landsorganisasjonen i Norge u Oħrajn v Kommunenes Sentralforbund u Oħrajn, [2002] EFTA Court Report p 114, u l-Kawża E-7/01, Hegelstad Eiendomsselskap Arvid B. Hegelstad u oħrajn u Hydro Texaco AS, [2002] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA p 310.

⁽³⁶⁾ Ara n-nota 35.

qed taħdem tajjeb u li l-intrapriża għandhom setgħa tas-suq li tippermettilhom jipprezzaw ogħla mil-livell kompetittiv. Huwa meta l-limitazzjonijiet kompetittivi huma insuffiċjenti biex jinżammu l-prezzijiet u l-produzzjoni flivelli kompetittivi li l-intrapriżi għandhom is-setgħa fis-suq fis-sens ta' l-Artikolu 53(1).

(26) Il-ħolqien, iż-żamma jew it-tisħiħ tas-setgħa fis-suq jistgħu jirriżultaw minn restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet tal-ftehim. Jista' wkoll jirriżulta minn restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn waħda mill-partijiet u partijiet terzi, eż., minħabba li l-ftehim iwassal għall-għeluq barra tal-kompetituri jew minħabba li jżid l-ispejjeż tal-kompetituri, u jillimita l-kapaċità tagħhom li jikkompetu b'mod effettiv mal-partijiet kontraenti. Is-setgħa fis-suq hija kwistjoni ta' grad. Il-grad tas-setgħa fis-suq normalment meħtieġ għas-sejba ta' ksur taħt l-Artikolu 53(1) fil-każ ta' ftehimiet li jirrestrinġu l-kompetizzjoni skond l-effett huwa inqas mil-grad ta' setgħa fis-suq meħtieġ biex tinstab id-dominanza taħt l-Artikolu 54.

(27) Sabiex jiġu analizzati l-effetti restrittivi ta' ftehim normalment huwa meħtieġ li jiġi ddefinit is-suq rilevanti⁽³⁷⁾. Normalment huwa wkoll meħtieġ li jiġu eżaminati u evalwati, fost l-oħrajn, in-natura tal-prodotti, il-pożizzjoni fis-suq tal-partijiet, il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri, il-pożizzjoni fis-suq tax-xerejja, l-eżistenza ta' kompetituri potenzjali u l-livelli ta' l-ostakoli għad-dħul. F'xi każijiet, madankollu, jista' jkun possibbli li jintwerew l-effetti anti-kompetittivi direttament billi tiġi analizzata l-imġiba fis-suq tal-partijiet għall-ftehim. Per eżempju, jista' jkun possibbli li jiġi aċċertat li ftehim wassal għal żjiediet fil-prezzijiet. Il-linji gwida dwar il-kooperazzjoni orizzontali u dwar il-limitazzjonijiet vertikali jistabbilixxu qafas dettaljat biex jiġi analizzat l-impatt kompetittiv ta' bosta tipi ta' ftehimiet orizzontali u vertikali skond l-Artikolu 53(1)⁽³⁸⁾.

2.2.3. Ir-restrizzjonijiet anċillari

(28) Il-paragrafu 18 hawn fuq jistabbilixxi qafas biex jiġi analizzat l-impatt ta' ftehim u r-restrizzjonijiet individwali tiegħu fuq il-kompetizzjoni bejn il-marki u l-kompetizzjoni fi ħdan il-marka. Jekk fuq il-bażi ta' dawk il-prinċipji huwa konkluż li t-tranżazzjoni ewlenija koperta mill-ftehim ma tirrestrinġix il-kompetizzjoni, isir rilevanti li jiġi eżaminat jekk ir-restrizzjonijiet individwali li jinsabu fil-ftehim humiex ukoll kompatibbli ma' l-Artikolu 53(1) għaliex huma anċillari għat-tranżazzjoni ewlenija mhux restrittiva.

(29) Fil-liġi tal-kompetizzjoni taż-ŻEE il-kunċett ta' restrizzjonijiet anċillari jkopri kwalunkwe restrizzjoni allegata tal-kompetizzjoni li hija direttament relatata u neċessarja għall-implimentazzjoni ta' tranżazzjoni ewlenija mhux restrittiva

u proporzjonata magħha⁽³⁹⁾. Jekk ftehim fil-partijiet ewlenin tiegħu, per eżempju ftehim tad-distribuzzjoni jew intrapriża konġunta, m'għandux bħala għan jew effett ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, allura r-restrizzjonijiet, li huma direttament relatati ma' u neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dik it-tranżazzjoni, jaqgħu barra mill-Artikolu 53(1)⁽⁴⁰⁾. Dawn ir-restrizzjonijiet relatati jissejħu restrizzjonijiet anċillari. Restrizzjoni hija direttament relatata mat-tranżazzjoni ewlenija jekk hija subordinata għall-implimentazzjoni ta' dik it-tranżazzjoni u hija marbuta inseparabbilment magħha. It-test tan-neċessità jimplika li r-restrizzjoni għandha tkun oġġettivament neċessarja għall-implimentazzjoni tat-tranżazzjoni ewlenija u tkun proporzjonata għaliha. Isegwi li t-test tar-restrizzjonijiet anċillari huwa simili għat-test stabbilit fil-paragrafu 18(2) hawn fuq. Madankollu t-test tar-restrizzjonijiet anċillari jgħodd fil-każijiet kollha fejn it-tranżazzjoni ewlenija ma tirrestrinġix il-kompetizzjoni⁽⁴¹⁾. Mhuwiex limitat għad-determinazzjoni ta' l-impatt tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni fi ħdan il-marka.

(30) L-applikazzjoni tal-kunċett tar-restrizzjoni anċillari għandha tiġi distinta mill-applikazzjoni tad-difiża taħt l-Artikolu 53(3) li hija relatata ma' xi beneficiċċi ekonomiċi prodotti minn ftehimiet restrittivi u li huma bbilanċjati ma' l-effetti restrittivi tal-ftehimiet. L-applikazzjoni tal-kunċett tar-restrizzjoni anċillari ma tinvolvi ebda bbilanċjar ta' effetti pro-kompetittivi u dawk anti-kompetittivi. Dan l-ibbilanċjar huwa rriservat għall-Artikolu 53(3)⁽⁴²⁾.

(31) L-evalwazzjoni tar-restrizzjonijiet anċillari hija llimitata għal determinazzjoni jekk, fil-kuntest tat-tranżazzjoni jew attività ewlenija mhux restrittiva, restrizzjoni partikolari hijiex neċessarja għall-implimentazzjoni ta' dik it-tranżazzjoni jew attività u proporzjonata għaliha. Jekk fuq il-bażi ta' fatturi oġġettivi jista' jiġi konkluż li mingħajr ir-restrizzjoni, it-tranżazzjoni ewlenija mhux restrittiva tkun diffiċli jew impossibbli li tiġi implimentata, ir-restrizzjoni tista' titqies bħala oġġettivament neċessarja għall-implimentazzjoni tagħha u proporzjonata għaliha⁽⁴³⁾. Jekk, per eżempju, l-għan ewleni ta' ftehim dwar *franchise* ma jirrestrinġix il-kompetizzjoni, allura r-restrizzjonijiet, li huma neċessarji biex il-ftehim jopera tajjeb, dawk l-obbligi mmirati li jħarsu l-uniformità u r-reputazzjoni tas-sistema tal-*franchise*, ukoll jaqgħu barra mill-Artikolu 53(1)⁽⁴⁴⁾. B'mod simili jekk intrapriża konġunta fiha nfisha ma tirrestrinġix il-kompetizzjoni, allura r-restrizzjonijiet meħtieġa biex jopera l-ftehim jitqiesu li huma anċillari għat-

⁽³⁷⁾ Ara f'dan ir-rigward in-Notifika ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE (ĠU L 200, 16.7.1998, p. 46 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU Nru 28, 16.7.1998, p. 3).

⁽³⁸⁾ Għar-riferenza fil-ĠU ara n-nota 6.

⁽³⁹⁾ Ara l-paragrafu 104 tas-sentenza f'Métropole télévision (M6) u oħrajn, iċċitata fin-nota 12.

⁽⁴⁰⁾ Ara eż., il-Kawża C-399/93, Luttikhuis, [1995] ECR I-4515, paragrafi 12 sa 14.

⁽⁴¹⁾ Ara f'dan ir-rigward il-paragrafi 118 et seq. tas-sentenza ta' Métropole télévision iċċitata fin-nota 12.

⁽⁴²⁾ Ara l-paragrafu 107 tas-sentenza f'Métropole télévision iċċitata fin-nota 12.

⁽⁴³⁾ Ara eż., Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Elopak/Metal Box – Odin iċċitata fin-nota 24.

⁽⁴⁴⁾ Ara l-Kawża 161/84, Pronuptia, [1986] ECR 353.

tranżazzjoni ewlenija u għalhekk ma jaqgħux taħt l-Artikolu 53(1). Per eżempju, f'TPS⁽⁴⁵⁾ il-Kummissjoni kkonkludiet li obbligu fuq il-partijiet li ma jkunux involuti f'kumpanniji li jaħdmu fid-distribuzzjoni u l-marketing tal-programmi tat-televixin bis-satellita kien anċillari għall-ħolqien ta' l-intrapriża konġunta matul il-fażijiet inizjali. Ir-restrizzjoni għalhekk tqieset li ma taqax taħt l-Artikolu 81 (1) KE għal żmien ta' tliet snin. Meta waslet għal din il-konklużjoni l-Kummissjoni qieset l-investimenti kbar u r-riskji kummerċjali involuti biex wieħed jidħol fis-suq tat-televixin bil-ħlas.

2.3. Ir-regola ta' eċċezzjoni ta' l-Artikolu 53(3)

(32) L-evalwazzjoni tar-restrizzjonijiet skond l-għan u skond l-effett taħt l-Artikolu 53(1) hija biss aspekk wieħed ta' l-analiżi. L-aspekk l-ieħor, li huwa rifless fl-Artikolu 53(3), huwa l-evalwazzjoni ta' l-effetti ekonomiċi pożittivi tal-ftehimiet restrittivi.

(33) L-għan tar-regoli tal-kompetizzjoni taż-ŻEE huwa li jħarsu l-kompetizzjoni fis-suq bħala mezz biex jittejjeb il-benessri tal-konsumatur u li tiġi żgurata allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Il-ftehimiet li jirrestrinġu l-kompetizzjoni jistgħu fl-istess ħin ikollhom effetti pro-kompetittivi bħala żjidiet fl-effiċjenza⁽⁴⁶⁾. L-effiċjenzi jistgħu joħlqu l-valur addizzjonali billi jnaqqsu l-prezz tal-produzzjoni ta' prodott, itejbu l-kwalità tal-prodott jew joħlqu prodott ġdid. Meta l-effetti pro-kompetittivi ta' ftehim huma akbar mill-effetti anti-kompetittivi, il-ftehim huwa, bħala bilanċ, pro-kompetittiv u kompatibbli ma' l-għanijiet tar-regoli tal-kompetizzjoni taż-ŻEE. L-effett nett ta' dawn il-ftehimiet huwa li jippromwovu l-essenza proprja tal-proċess kompetittiv, jiġifieri li jintrebħu l-klijenti billi jiġu offruti prodotti aħjar jew prezzijiet aħjar minn dawk li joffru l-kompetituri. Dan il-qafas analitiku huwa rifless fl-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 53(3). Din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar tagħraf b'mod espress li l-ftehimiet restrittivi jistgħu jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi oġġettivi sabiex ikunu akbar mill-effetti negattivi tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni⁽⁴⁷⁾.

(34) L-applikazzjoni tar-regola ta' l-eċċezzjoni fl-Artikolu 53(3) hija soġġetta għal erba' kondizzjonijiet kumulattivi, tnejn pożittivi u tnejn negattivi:

(a) Il-ftehim għandu jikkontribwixxu għat-titjib tal-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew jikkontribwixxu għall-progress tekniku jew ekonomiku,

(b) Il-konsumaturi għandhom jirċievu sehem ekwu mill-benefiċċji li jirriżultaw;

(ċ) Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu indispensabbli biex jinkisbu dawn l-għanijiet, u fl-aħħar

(d) Il-ftehim m'għandux jippermetti lill-partijiet il-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti in kwistjoni.

Meta dawn l-erba' kondizzjonijiet huma milħuqa l-ftehim itejjeb il-kompetizzjoni fis-suq rilevanti, għaliex iwassal lill-intrapriżi kkonċernati biex joffru prodotti irħas jew aħjar lill-konsumaturi, u jikkompensawhom għall-effetti negattivi tar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

(35) L-Artikolu 53(3) jista' jiġi applikat għal ftehimiet individwali jew għal kategoriji ta' ftehimiet permezz ta' eżenzjoni ġenerali. Meta ftehim huwa kopert minn eżenzjoni ġenerali, il-partijiet għall-ftehim restrittiv huma meħlusa mill-obbligu tagħhom taħt l-Artikolu 2 tal-Kapitolu II li juru li l-ftehim individwali tagħhom jilħaq kull waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3). Għandhom biss jippruvaw li l-ftehim restrittiv jibbenefika minn eżenzjoni ġenerali. L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) għal kategoriji ta' ftehim permezz ta' eżenzjonijiet ġenerali hija bbażata fuq il-preżunzjoni li l-ftehimiet restrittivi li jaqgħu fl-ambitu tagħhom⁽⁴⁸⁾ jilħaq kull waħda mill-erba' kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53(3).

(36) Jekk f'każ individwali l-ftehim jaqa' taħt l-Artikolu 53(1) u l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) ma jintlaħqux, l-eżenzjoni ġenerali tista' tiġi rtirata. Skond l-Artikolu 29(1) tal-Kapitolu II l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandha s-setgħa li tirtira l-benefiċċju ta' eżenzjoni ġenerali meta ssib li f'każ partikolari ftehim kopert minn eżenzjoni ġenerali għandu xi effetti li huma inkompatibbli ma' l-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE. Skond l-Artikolu 29(2) tal-Kapitolu II awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat ta' l-EFTA tista' wkoll tirtira l-benefiċċju ta' eżenzjoni ġenerali fir-rigward tat-territorju tagħha (jew parti mit-territorju tagħha), jekk dan it-territorju għandu l-karatteristiċi kollha ta' suq ġeografiku distint. Fil-każ ta' rtirar, huma l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kkonċernati li jridu juru li l-ftehim jikser lill-Artikolu 53 (1) u li ma jilħaqx il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3).

(37) Il-qrati ta' l-Istati ta' l-EFTA ma għandhom ebda setgħa li jirtiraw il-benefiċċju ta' l-eżenzjonijiet ġenerali. Barra minn dan, meta japplikaw l-eżenzjonijiet ġenerali, il-qrati ta' l-

⁽⁴⁵⁾ Ara n-nota 24. Id-decizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fis-sentenza f'Métropole télévision (M6) iċċitata fin-nota 12.

⁽⁴⁶⁾ L-iffrankar ta' l-ispejjeż u kismet oħrajn mill-partijiet, li jirriżultaw mis-sempliċi eżerċizzju tas-setgħa fis-suq ma jagħtux lok għal benefiċċji oġġettivi u ma jistgħux jitqiesu, ara l-paragrafu 49 below.

⁽⁴⁷⁾ Ara s-sentenza f'Consten and Grundig, iċċitata fin-nota 23.

⁽⁴⁸⁾ Il-fatt li ftehim huwa eżentat b'mod ġenerali minnu nnifsu ma jindikax li l-ftehim individwali jaqa' taħt l-Artikolu 53(1).

Istati ta' l-EFTA ma jistgħux jimmodifikaw l-ambitu tagħhom billi jestendu l-isfera ta' l-applikazzjoni tagħhom għal ftehimiet mhux koperti mill-eżenzjoni ġenerali in kwistjoni ⁽⁴⁹⁾. Barra mill-ambitu ta' l-eżenzjonijiet ġenerali, il-qrati ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom is-setgħa japplikaw l-Artikolu 53 b'mod sħiħ (ara l-Artikolu 6 tal-Kapitolu II).

3. L-APPLIKAZZJONI TA' L-ERBA' KONDIZZJONIJET TA' L-ARTIKOLU 53(3)

(38) Il-bqija ta' dawn il-linji gwida se jqisu kull waħda mill-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) ⁽⁵⁰⁾. Minħabba li dawn l-erba' kondizzjonijiet huma kumulattivi ⁽⁵¹⁾ mhuwiex meħtieġ li jiġu eżaminati l-kondizzjonijiet li jifdal ladarba jinstab li waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) ma tkunx intlaħqet. F'każijiet individwali jista' għalhekk ikun xieraq li jitqiesu l-erba' kondizzjonijiet f'ordni differenti.

(39) Għall-iskopjiet ta' dawn il-linji gwida jitqies xieraq li l-ordni tat-tieni u t-tielet kondizzjoni tiġi maqluba, u b'hekk il-kwistjoni ta' l-indispensabilità tiġi ttrattata qabel il-kwistjoni tal-mogħdija lill-konsumaturi. L-analiżi tal-mogħdija teħtieġ ibbilanċjar ta' l-effetti negattivi u pożittivi ta' ftehim fuq il-konsumaturi. Din l-analiżi m'għandhiex tinkludi l-effetti ta' kwalunkwe restrizzjoni, li diġà ma tgħaddix mit-test ta' l-indispensabilità u li għal dik ir-raġuni hija pprojbata mill-Artikolu 53.

3.1. Il-prinċipji ġenerali

(40) L-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE jsir rilevanti biss meta ftehim bejn l-intrapriżi jirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(1). Fil-każ ta' ftehimiet mhux restrittivi ma hemm ebda bżonn li jiġu eżaminati l-benefiċċji ġġenerati mill-ftehim.

(41) Fejn f'każ individwali restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(1) tkun ġiet ippruvata, l-Artikolu 53(3) jista' jitqajjem bħala difiża. Skond l-Artikolu 2 tal-Kapitolu II, l-oneru tal-prova taħt l-Artikolu 53(3) jistrieħ fuq l-intrapriża/i li tinvoka/jinvokaw il-benefiċċju tar-regola ta' l-eċċezzjoni. Fejn il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) mhumiex sodisfatti, il-ftehim huwa null u mingħajr effett,

⁽⁴⁹⁾ Ara eż., il-Kawża C-234/89, *Delimitis*, [1991] ECR I-935, paragrafu 46.

⁽⁵⁰⁾ L-Artikolu 36(4) tar-Regolament 1/2003 meta ġie inkorporat fil-Ftehim ŻEE, ara n-nota hawn fuq, fost l-oħrajn, iħassar lill-Artikolu 5 ta' l-att imsemmi fil-punt 10 ta' l-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68) li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permiss tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Iżda l-prattika fil-każijiet adottata taħt dak l-Att għadha rilevanti għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) fis-settur tal-trasport fuq l-ilma intern.

⁽⁵¹⁾ Ara l-paragrafu 42 hawn taħt.

ara l-Artikolu 53(2). Iżda, din in-nullità awtomatika tgħodd biss għal dawk il-partijiet tal-ftehim li mhumiex inkompatibbli ma' l-Artikolu 53, kemm-il darba dawn il-partijiet jistgħu jinqatgħu barra mill-ftehim sħiħ ⁽⁵²⁾. Jekk parti biss mill-ftehim huwa null u mingħajr effett, il-liġi nazzjonali applikabbli tiddetermina l-konsegwenzi ta' dan għall-bqija tal-ftehim ⁽⁵³⁾.

(42) L-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma kumulattivi ⁽⁵⁴⁾, jiġifieri għandhom kollha jintlaħqu biex tgħodd ir-regola ta' l-eċċezzjoni. Jekk ma jintlaħqux, l-applikazzjoni tar-regola ta' l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 53(3) għandha tiġi rifjutata ⁽⁵⁵⁾. L-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma wkoll eżawrjenti. Meta jintlaħqu l-eċċezzjoni tgħodd u ma tistax tkun magħmula dipendenti fuq xi kondizzjoni oħra. L-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Ftehim ŻEE jistgħu jitqiesu sa fejn jistgħu jiġu inklużi taħt l-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) ⁽⁵⁶⁾.

(43) L-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 53(3) tal-benefiċċji li jirriżultaw minn ftehimiet restrittivi bħala prinċipju ssir fil-limiti ta' kull suq rilevanti li għalih jirrelata l-ftehim. Ir-regoli tal-kompetizzjoni taħt-ŻEE għandhom bħala għan il-ħarsien tal-kompetizzjoni fis-suq u ma jistgħux jinfirdu minn dan l-għan. Barra minn dan, il-kondizzjoni li l-konsumaturi ⁽⁵⁷⁾ għandhom jirċievu sehem ekwu mill-benefiċċji timplika b'mod ġenerali li l-effiċjenzi ġġenerati mill-ftehim restrittiv f'suq rilevanti għandhom ikunu biżżejjed biex ikunu akbar mill-effetti anti-kompetittivi prodotti minn dak il-ftehim f'dak l-istess suq rilevanti ⁽⁵⁸⁾. L-effetti negattivi fuq il-konsumaturi f'suq wieħed ġeografiku jew f'suq wieħed tal-prodotti normalment ma jistgħux

⁽⁵²⁾ Ara s-sentenza f'*Société Technique Minière* iċċitata fin-nota 22.

⁽⁵³⁾ Ara f'dan ir-rigward il-Każ 319/82, *Kerpen & Kerpen*, [1983] ECR 4173, paragrafi 11 u 12.

⁽⁵⁴⁾ Ara eż., il-Kawża T-185/00, *Métropole télévision SA (M6)* u oħrajn, [2002] ECR II-3805, paragrafu 86, il-Kawża T-17/93, *Matra*, [1994] ECR II-595, paragrafu 85; u l-Kawża Konġunti 43/82 u 63/82, *VBVB* u *VBBB*, [1984] ECR 19, paragrafu 61.

⁽⁵⁵⁾ Ara l-Kawża T-213/00, *CMA CGM* u oħrajn, għad mhux irrapportat, paragrafu 226.

⁽⁵⁶⁾ Ara f'dak is-sens impliċitament il-paragrafu 139 tas-sentenza f'*Matra judgment* iċċitata fin-nota, u l-Każ 26/76, *Metro (I)*, [1977] ECR 1875, paragrafu 43.

⁽⁵⁷⁾ Dwar il-kunċett tal-konsumaturi ara l-paragrafu 84 hawn taħt fejn jingħad li l-konsumaturi huma l-klijenti tal-partijiet u xerrejja ta' wara. Il-partijiet stess mhumiex "konsumaturi" għall-għanijiet ta' l-Artikolu 53(3).

⁽⁵⁸⁾ It-test huwa speċifiku għas-suq, ara f'dak is-sens il-Każ T-131/99, *Shaw*, [2002] ECR II-2023, paragrafu 163, fejn il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej irritereniet li l-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE għandha ssir fl-istess qafas analitiku bħal dak użat għall-evalwazzjoni ta' l-effetti restrittivi, u l-Kawża C-360/92 P, *Publishers Association*, [1995] ECR I-23, paragrafu 29, fejn f'każ fejn is-suq rilevanti kien usa' minn nazzjonali l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej irritereniet li fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) ma kienx korrett li jitqiesu biss l-effetti fit-territorju nazzjonali.

jigū kontrobalanċjati u kkumpensati mill-effetti pożittivi għall-konsumaturi f'suq ġeografiku ieħor jew suq tal-prodotti ieħor, mhux relatati. Madankollu, fejn żewġt iswieq huma relatati, l-effiċjenzi miksuba fi swieq separati jistgħu jitqiesu kemm-il darba l-grupp ta' konsumaturi affettwati mir-restrizzjoni u li jibbenefikaw mill-kisbiet fl-effiċjenzi huma sostanzjalment l-istess⁽⁵⁹⁾. Tassew, f'xi każijiet huma biss il-konsumaturi f'suq 'l isfel li huma affettwati mill-ftehim f'liema każ l-impatt tal-ftehim fuq dawn il-konsumaturi għandu jiġi evalwat. Dan per eżempju huwa l-każ dwar ftehimiet ta' xiri⁽⁶⁰⁾.

- (44) L-evalwazzjoni tal-ftehimiet restrittivi taħt l-Artikolu 53(3) ssir fil-kuntest attwali fejn iseħħu⁽⁶¹⁾ u fuq il-bażi tal-fatti eżistenti fi kwalunkwe punt fiż-żmien definit. L-evalwazzjoni hija sensitiva għal tibdil materjali fil-fatti. Ir-regola ta' eċċezzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tgħodd sa fejn l-erba' kondizzjonijiet huma milħuqa u tiegħu tgħodd meta dan m'għadux il-każ⁽⁶²⁾. Meta jiġi applikat l-Artikolu 53(3) skond dawn il-prinċipji huwa meħtieġ li jitqiesu l-ewwel investimenti mhux rikoverabbli li jagħmlu l-partijiet u ż-żmien meħtieġ u r-restrizzjonijiet meħtieġa sabiex isir l-irbit u jinġabar lura investment li jtejjeb l-effiċjenza. L-Artikolu 53 ma jistax jiġi applikat mingħajr ma jitqies dan l-investment *ex ante*. Ir-riskju li jiffaċċjaw il-partijiet u l-investment li ma jistax jinġabar lura li għandu jiġi impenjat biex jiġi implimentat il-ftehim għalhekk jistgħu jwasslu biex

il-ftehim ma jaqax taħt l-Artikolu 53(1) jew li jilħaq il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3), skond il-każ, għaż-żmien meħtieġ biex jinġabar lura l-investment.

- (45) F'xi każijiet il-ftehim restrittiv huwa għajja irriversibbli. Ladarba l-ftehim restrittiv ikun ġie implimentat, is-sitwazzjoni *ex ante* ma tistax tiġi stabbilita mill-ġdid. F'dawn il-każijiet l-evalwazzjoni għandha ssir esklussivament fuq il-bażi tal-fatti prevalenti fil-ħin ta' l-implimentazzjoni. Per eżempju, fil-każ ta' ftehim dwar riera u żvilupp fejn kull parti tiftiehem li tabbanduna l-proġett ta' riera rispettiv tagħha u tiġbor il-kapaċitajiet tagħha ma' dawk ta' parti oħra, jista' jkun minn perspettiva oġġettiva, teknikament u ekonomikament impossibbli li jerġa' jinbada l-proġett ladarba jkun ġie abbandunat. L-evalwazzjoni ta' l-effetti anti-kompetittivi u pro-kompetittivi tal-ftehim biex jiġu abbandunati l-proġetti ta' riera individwali għalhekk għandha ssir bħala fil-ħin meta tlestiet l-implimentazzjoni tiegħu. Jekk f'dak il-punt fiż-żmien il-ftehim huwa kompatibbli ma' l-Artikolu 53, per eżempju għax għadd suffiċjenti ta' partijiet terzi għandhom proġetti li jikkompetu ta' riera u żvilupp, il-ftehim tal-partijiet li jabbandunaw il-proġetti individwali tagħhom jibqa' kompatibbli ma' l-Artikolu 53, ukoll jekk fi żmien aktar tard il-proġetti tatterzi jfallu. Iżda, il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 53 tista' tgħodd għal partijiet oħrajn tal-ftehim fir-rigward ta' liema l-kwistjoni ta' l-irreversibilità ma tqumx. Jekk per eżempju minbarra l-iżvilupp u r-riera konġunti, il-ftehim jipprovdi għall-isfruttament konġunt, l-Artikolu 53 jista' jgħodd għal din il-parti tal-ftehim jekk minħabba żviluppi sussegwenti fis-suq il-ftehim jibda' jrażżan il-kompetizzjoni u ma jissodisfax jew ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) meta jitqiesu investimenti *ex ante* li ma jistgħux jinġabru lura, ara l-paragrafu ta' qabel.

- (46) L-Artikolu 53(3) ma jeskludix *a priori* xi tipi ta' ftehimiet mill-ambitu tiegħu. Bħal kwistjoni ta' prinċipju il-ftehimiet restrittivi kollha li jilħaq l-erba' kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3) huma koperti mir-regola ta' eċċezzjoni⁽⁶³⁾. Madankollu, ir-restrizzjonijiet gravi tal-kompetizzjoni x'aktarx ma jilgħux il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3). Dawn ir-restrizzjonijiet huma normalment mqiegħda f'lista sewda f'eżenzjonijiet ġenerali jew identifikati bħala restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti fil-linji gwida u l-avviżi ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA. Il-ftehimiet ta' dan it-tip ġeneralment ma jgħaddux (għall-inqas) mill-ewwel żewġ kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3). La joħlqu benefiċċji ekonomiċi oġġettivi⁽⁶⁴⁾ u lanqas ma jibbenefikaw lill-konsumaturi⁽⁶⁵⁾. Per eżempju, ftehim orizzontali biex jiġu ffixati l-prezzijiet jillimita l-produttjoni u jwassal għall-allokkazzjoni ħażina tar-riżorsi. Huwa jittrasferixxi wkoll il-valur mill-konsumaturi għall-produtturi, għaliex iwassal għal prezzijiet ogħla mingħajr ma jipproduċi ebda valur kontrobalanċjanti għall-konsumaturi. Barra minn dan, dan

⁽⁵⁹⁾ Fil-Kawża T-86/95, Compagnie Générale Maritime u oħrajn, [2002] ECR II-1011, paragrafi 343 sa 345, il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej irriteriet li l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE ma jirrikjedix li l-benefiċċji huma marbuta ma' suq speċifiku u li f'każijiet xierqa għandhom jitqiesu kif xieraq il-benefiċċji "għal kull suq ieħor li fih il-ftehim in kwistjoni jista' jkollu effetti ta' benefiċċju, u wkoll, f'sens aktar ġenerali, għal kwalunkwe servizz li l-kwalità jew l-effiċjenza tiegħu tista' tittejjeb bl-eżistenza tal-ftehim". Iżda huwa importanti, f'dan il-każ, li l-grupp affettwat ta' konsumaturi kien l-istess. Il-każ kien jikkonċerna s-servizzi tat-trasport intermodali li jinkludu, fost l-oħrajn, għaqda ta' trasport intern u marittimu provduti lill-kumpanniji tal-bejgħ fil-Komunità. Ir-restrizzjonijiet relatati mas-servizzi tat-trasport intern, li ġew dikjarati li jikkostitwixxu suq separat, filwaqt li l-benefiċċji ġew allegati li seħħu fir-rigward ta' servizzi tat-trasport marittimu. Iż-żewġ servizzi kien mitluba minn utenti tat-trasport li jeħtieġu s-servizzi tat-trasport intermodali bejn l-Ewropa ta' fuq u l-Asja tax-Xlokk u tal-Lvant. Is-sentenza f'CMa CGM, iċċitata fin-nota hawn fuq, ukoll ikkonċernat sitwazzjoni fejn il-ftehi, filwaqt li jkopri bosta servizzi distinti, affettwat lill-istess grupp ta' konsumaturi, jiġifieri t-trasportaturi tal-merkanzija fil-kontejners bejn l-Ewropa ta' Fuq u l-Lvant. Taħt il-ftehim il-partijiet iffissaw it-tariffi u l-ħlasijiet ulterjuri relatati mas-servizzi tat-trasport intern, is-servizzi fil-port u s-servizzi tat-trasport marittimu. Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza rriteriet (ara l-paragrafi 226 sa 228) li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kien hemm ebda hteġa li jiġu ddefiniti s-swieq rilevanti sabiex jiġi applikat l-Artikolu 81(3). Il-ftehim kien jirrestrinġi l-kompetizzjoni skond l-għan tiegħu stess u ma kien hemm ebda benefiċċju għall-konsumaturi.

⁽⁶⁰⁾ Ara l-paragrafi 126 u 132 tal-Linji Gwida dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali iċċitati fin-nota hawn fuq.

⁽⁶¹⁾ Ara s-sentenza f'Ford iċċitata fin-nota 20.

⁽⁶²⁾ F'dan ir-rigward ara d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni f'TPS, ĠU L 90, 2.4.1999, p. 6. B'mod simili, il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 53(1) jgħodd biss sa fejn il-ftehim għandu għan restrittiv jew effetti restrittivi.

⁽⁶³⁾ Ara l-paragrafu 85 tas-sentenza ta' Matra iċċitata fin-nota 54.

⁽⁶⁴⁾ Fir-rigward ta' dan ir-reqwizit ara l-paragrafu 49 hawn taħt.

⁽⁶⁵⁾ Ara eż., il-Kawża T-29/92, Vereniging van Samenwerkende Prijsregelende Organisaties in de Bouwnijverheid (SPO), [1995] ECR II-289.

it-tip ta' ftehim ġeneralment ukoll ma jgħaddix mit-test ta' l-indispensabilità taħt it-tielet kondizzjoni ⁽⁶⁶⁾.

- (47) Kwalunkwe pretensjoni li l-ftehimiet restrittivi huma ġġustifikati minħabba li jimmiraw li jiżguraw kondizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni fis-suq hija, min-natura tagħha infondata u għandha titwarrab ⁽⁶⁷⁾. L-għan ta' l-Artikolu 53 huwa li jhars il-kompetizzjoni effettiva billi jiżgura li s-swieq jibqgħu miftuħin u kompetittivi. Il-ħarsien tal-kondizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni hija funzjoni tal-leġiżlatur skond l-obbligi fil-liġi taż-ŻEE ⁽⁶⁸⁾ u mhux biex l-intrapriżi jirregolawhom huma nflushom.

3.2. L-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3): Il-kisbiet ta' l-effiċjenzi

3.2.1. Rimarki ġenerali

- (48) Skond l-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), il-ftehim restrittiv għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-produzzjoni jew distribuzzjoni tal-prodotti jew għall-promozzjoni tal-progrss tekniku jew ekonomiku. Id-dispożizzjoni tirreferi espressament għall-prodotti biss, iżda tgħodd, b'analoġija, għas-servizzi.
- (49) Isegwi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li jistgħu jitqiesu biss il-benefiċċji oġġettivi ⁽⁶⁹⁾. Dan ifisser li l-effiċjenzi mhumiex evalwati mill-perspettiva soġġettiva tal-partijiet ⁽⁷⁰⁾. L-iffrankar ta' l-ispejjeż li jirriżulta minn sempliċi eżerċizzju tas-setgħa tas-suq mill-partijiet ma jstax jitqies. Per eżempju, meta l-kumpanniji jaqblu li jiffissaw il-prezzijiet jew jaqsmu s-swieq inaqqsu l-produzzjoni u b'hekk l-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-kompetizzjoni mnaqqsqa tista' wkoll twassal għal inqas bejgħ u spejjeż aktar baxxi għall-bejgħ fis-suq. Dan it-tnaqqis fl-ispejjeż huwa konsegwenza diretta tat-tnaqqis fil-produzzjoni u fil-valur. It-tnaqqis ta' l-ispejjeż in kwistjoni ma jipproduċi ebda effett pro-kompetittiv fis-suq. B'mod partikolari ma jwassalx għall-ħolqien ta' valur permezz ta' integrazzjoni ta' assi u attivitajiet. Semplċement jippermetti lill-intrapriżi kkonċernati jżidu l-profitti tagħhom u għalhekk huma irrilevanti mill-perspettiva ta' l-Artikolu 53(3).
- (50) L-għan ta' l-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) huwa li jiddefinixxi t-tipi ta' kisbiet ta' effiċjenza li jistgħu jitqiesu u jkun soġġetti għat-testijiet ulterjuri tat-tieni u t-tielet kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 53(3). L-għan ta' l-analiżi huwa li tiżgura x'inhuma l-benefiċċji oġġettivi maħluqa mill-ftehim u x'inhuma l-importanza ekonomika ta' dawn l-

effiċjenzi. Minħabba li biex jgħodd l-Artikolu 53(3) l-effetti pro-kompetittivi li jirriżultaw mill-ftehim għandhom ikunu akbar mill-effetti anti-kompetittivi tiegħu, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat x'inhija l-konnessjoni bejn il-ftehim u l-effiċjenzi allegati u x'inhu l-valur ta' dawn l-effiċjenzi.

- (51) L-allegazzjonijiet kollha dwar l-effiċjenzi għalhekk għandhom ikunu sostanzjati sabiex jistgħu jiġu vverifikati dawn li ġejjin:

(a) In-natura ta' l-effiċjenzi allegati;

(b) Il-konnessjoni bejn il-ftehim u l-effiċjenzi;

(c) Il-probabbiltà u d-daqs ta' kull effiċjenza allegata; u

(d) Kif u meta se tinkiseb kull effiċjenza allegata.

- (52) L-ittra (a) tippermetti lil min qed jieħu d-deċiżjoni jivverifika jekk l-effiċjenzi allegati humiex fin-natura tagħhom oġġettivi, ara l-paragrafu 49 hawn fuq.

- (53) L-ittra (b) tippermetti lil min qed jieħu d-deċiżjoni jivverifika jekk hemmx konnessjoni kawżali suffiċjenti bejn il-ftehim restrittiv u l-effiċjenzi allegati. Normalment din il-kondizzjoni teħtieġ li l-effiċjenzi jirriżultaw mill-attività ekonomika li tiffirma l-għan tal-ftehim. Dawn l-attivitàjiet jistgħu, per eżempju jieħdu l-forma ta' distribuzzjoni, liċenzjar tat-teknoloġija, produzzjoni konġunta jew rċerka u żvilupp konġunti. Iżda, sa fejn ftehim għandu effetti akbar ta' titjib ta' l-effiċjenzi, per eżempju minħabba li jwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' l-industrija kollha, dawn il-benefiċċji addizzjonali jitqiesu wkoll.

- (54) Il-kollegament kawżali bejn il-ftehim u l-effiċjenzi allegati normalment għandhom ukoll ikunu diretti ⁽⁷¹⁾. L-allegazzjoni ibbażati fuq l-effetti indiretti bħala regola ġenerali huma inċerti wisq u remoti wisq biex jitqiesu. Konnessjoni kawżali direttament teżisti per eżempju fejn ftehim tat-trasferiment tat-teknoloġija jippermetti lil-partijiet liċenzjati jipproduċu prodotti ġodda jew imtejba jew ftehim tad-distribuzzjoni jippermetti lill-prodotti jiġu distribwiti bi spiża inqas jew jippermetti li jiġu prodotti servizzi ta' valur. Eżempju ta' effett indirett ikun każ fejn huwa allegat li ftehim restrittiv jippermetti lill-intrapriżi kkonċernati jżidu l-profitti tagħhom, li jippermettihom jinvestu aktar fir-riċerka u l-iżvilupp għall-benefiċċju, fl-aħħar mill-aħħar, tal-konsumaturi. Filwaqt li jista' jkun hemm kollegament bejn il-profitabilità u r-riċerka u l-iżvilupp, dan il-kollegament

⁽⁶⁶⁾ Ara eż., il-Kawża 258/78, Nungesser, [1982] ECR 2015, para-grafu 77, dwar il-protezzjoni territorjali assoluta.

⁽⁶⁷⁾ Ara f'dan ir-rigward, eż., is-sentenza f'SPO iċċitata fin-nota 65.

⁽⁶⁸⁾ Il-miżuri nazzjonali għandhom, fost l-oħrajn, iħarsu r-regoli tal-Ftehim ŻEE dwar il-movjiment ħieles tal-prodotti, is-servizzi, il-persuni u l-kapital.

⁽⁶⁹⁾ Ara eż., is-sentenza f'Consten and Grundig iċċitata fin-nota 23.

⁽⁷⁰⁾ Ara f'dan ir-rigward id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Van den Bergh Foods, ĠU L 246, 4.9.1998, p. 1.

⁽⁷¹⁾ Ara f'dan ir-rigward id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Glaxo Wellcome, ĠU L 302, 17.11.2001, p. 1.

normalment mhuwiex dirett biżżejjed biex jitqies fil-kuntest ta' l-Artikolu 53(3).

intrapriża oħra b'funzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti minn dik l-intrapriża l-oħra.

(55) L-ittri (c) u (d) jippermettu lil min qed jieħu d-deċiżjoni jivverifika l-valur ta' l-effiċjenzi pretiżi, li fil-kuntest tat-tielet kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) għandu jiġi bilanċjat kontra l-effetti anti-kompetittivi tal-ftehim, ara l-paragrafu 101 hawn taħt. Minħabba li l-Artikolu 53(1) jgħodd biss f'każijiet fejn il-ftehim x'aktarx għandu effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-konsumaturi (fil-każ ta' restrizzjonijiet assolutament ipprojbiti, dawn l-effetti huma preżunti) l-allegazzjonijiet ta' l-effiċjenza għandhom jiġu sostanzjati sabiex jistgħu jiġu vverifikati. L-allegazzjonijiet mhux sostanzjati huma miċħuda.

(56) Fil-każ ta' effiċjenzi fl-ispejjeż allegati, l-intrapriżi li jinvolkaw il-benefiċċju ta' l-Artikolu 53(3) għandhom b'mod raġonevolment preċiż kemm jista' jkun jikkalkolaw jew jistmaw il-valur ta' l-effiċjenzi u jiddeskrivu fid-dettall kif ġie kkalkolat l-ammont. Għandhom ukoll jiddeskrivu l-metodu/i li bih/bihom l-effiċjenzi nkisbu jew se jiġu miksuba. Id-data sottomessa għandha tista' tkun tiġi vverifikata sabiex jista' jkun hemm livell biżżejjed ta' ċertezza li l-effiċjenzi mmaterjalizzaw jew x'aktarx jimmaterializzaw.

(57) Fil-każ ta' effiċjenzi allegati fil-forma ta' prodotti ġodda jew aħjar u effiċjenzi oħrajn mhux ibbażati fuq spejjeż, l-intrapriżi li jinvolkaw il-benefiċċju ta' l-Artikolu 53(3) għandhom jiddeskrivu u jispjegaw f'dettall sħiħ x'inhija n-natura ta' l-effiċjenzi u kif u għaliex jikkostitwixxu benefiċċju ekonomiku oġġettiv.

(58) F'każijiet fejn il-ftehim għadu mhux implimentat għal kollox il-partijiet għandhom jissostanzjaw kwalunkwe projezzjoni sa mid-data li fiha jibdew joperaw l-effiċjenzi sabiex ikollhom effett sinjifikanti pożittiv fis-suq.

3.2.2. Il-kategoriji differenti ta' effiċjenzi

(59) It-tipi ta' effiċjenzi elenkati fl-Artikolu 53(3) huma kategoriji wesgħin li huma maħsuba li jkopru l-effiċjenzi ekonomiċi oġġettivi kollha. Hemm sovrappożizzjoni konsiderevoli bejn il-bosta kategoriji msemmija fl-Artikolu 53(3) u l-istess ftehim jista' jagħti lok għal bosta tipi ta' effiċjenzi. Għalhekk mhuwiex xieraq li jsiru distinzjonijiet ċari u inflessibbli bejn il-kategoriji differenti. Għall-għanijiet ta' dawn il-linji gwida, issir distinzjoni bejn l-effiċjenzi fl-ispejjeż u l-effiċjenzi ta' natura kwalitattiva li biha l-valur jinħalaq fil-forma ta' prodotti ġodda jew imtejbien, varjeta' akbar ta' prodotti eċċ.

(60) B'mod ġenerali, l-effiċjenzi jirriżultaw minn integrazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi li bihom l-intrapriżi jikkombinaw l-assi tagħhom biex jiksibu dak li ma jistgħux jiksibu b'mod effiċjenti indaqgħom, jew li bihom jafdaw lil

(61) Il-proċess tar-riċerka u l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni jista' jiġi osservat bħala katina ta' valur li tista' tinqasam f'għadd ta' stadji. F'kull stadju ta' din il-katina intrapriża għandha tagħmel għażla bejn li twettaq l-attività hija stess, twettaqha flimkien ma' intrapriża/i oħra(jn) jew tikkuntratta l-attività esternament lil intrapriża/i oħra(jn).

(62) F'kull każ fejn l-għażla magħmula tinvolvi l-kooperazzjoni fis-suq ma' intrapriża oħra normalment jeħtieġ li jiġu konkluż ftehim fis-sens ta' l-Artikolu 53(1). Dawn il-ftehimiet jistgħu jkunu vertikali, bħalma huwa l-każ fejn il-partijiet joperaw fuq livelli differenti tal-katina tal-valur jew orizzontali, bħalma huwa l-każ fejn il-marki joperaw fuq l-istess livell tal-katina tal-valur. Iż-żewġ kategoriji ta' ftehimiet jistgħu jgħolqu l-effiċjenzi billi jippermettu lill-intrapriżi in kwistjoni jwettqu funzjoni partikolari bi spiża aktar baxxa jew bl-ogħla valur miżjud għall-konsumaturi. Dawn il-ftehimiet jista' wkoll ikun fihom, jew jistgħu jwasslu għal, restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'liema każ ir-regola tal-projbizzjoni ta' l-Artikolu 53(1) u r-regola ta' l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 53(3) jistgħu jsiru rilevanti.

(63) It-tipi ta' l-effiċjenzi msemmija f'dawn li ġejjin huma biss eżempji u mhumiex maħsuba li jkunu eżawrjenti.

3.2.2.1. L-effiċjenzi fl-ispejjeż

(64) L-effiċjenzi fl-ispejjeż li jirriżultaw minn ftehimiet bejn l-intrapriżi jistgħu joriġinaw minn għadd ta' għejun differenti. Għajn wieħed importanti ħafna ta' l-iffrankar ta' l-ispejjeż huwa l-iżvilupp ta' teknoloġiji u metodi ġodda tal-produzzjoni. B'mod ġenerali huwa meta jsiru l-qabżiet teknoloġiċi li jinkiseb l-akbar potenzjal għall-iffrankar ta' l-ispejjeż. Per eżempju, l-introduzzjoni tal-linja ta' l-assemblaġġ wasslet għal tnaqqis sostanzjali ħafna fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-vetturi bil-mutur.

(65) Għajn ieħor importanti ħafna ta' l-effiċjenzi huma s-sinerġiji li jirriżultaw minn integrazzjoni ta' l-assi eżistenti. Meta l-partijiet ta' ftehim jikkombinaw l-assi rispettivi tagħhom jistgħu jkunu jistgħu jiksibu konfigurazzjoni ta' spejjeż/produzzjoni li mod ieħor ma tkunx possibbli. Il-kombinazzjoni ta' żewġ teknoloġiji eżistenti li għandhom saħħiet komplementarji tista' tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni jew twassal għall-produzzjoni ta' prodott ta' kwalità ogħla. Per eżempju, jista' jkun li l-assi tal-produzzjoni tal-kumpannija A jiġġeneraw produzzjoni akbar fis-siegħa iżda jirrikjedu tidħil relativament għoli ta' materja prima għal kull unità tal-produzzjoni, filwaqt li l-assi tal-produzzjoni tal-kumpannija B jiġġeneraw produzzjoni aktar baxxa fis-siegħa iżda jeħtieġu tidħil relattivament aktar baxxa ta' materja prima għal kull unità tal-produzzjoni. Is-sinerġiji jinħolqu jekk bl-istabbiliment ta' intrapriża konġunta tal-

produzzjoni li tikkombina l-assi tal-produzzjoni ta' A u B l-partijiet jistgħu jiksbu livell għoli (ogħla) ta' produzzjoni fis-siegħa, b'tidhli (aktar) baxx ta' materja prima għal kull unità tal-produzzjoni. B'mod simili, jekk intrapriża waħda ottimizat parti waħda tal-katina tal-valur u oħra tkun ottimizat parti oħra tal-katina tal-valur, il-kombinazzjoni ta' l-operazzjonijiet tagħhom tista' twassal għal spejjeż aktar baxxi. Il-kumpanija A tista' per eżempju jkollha faċilità tal-produzzjoni b'awtomazzjoni qawwija li tirriżulta fi spejjeż tal-produzzjoni baxxi għal kull unità filwaqt li B tkun żviluppat sistema effiċjenti biex tipproċessa l-ordnijiet. Is-sistema tippermetti li produzzjoni tkun imfassla skond it-talbiet tal-konsumaturi, li jiżgura twassil f'waqt u tnaqqis tal-ħażna u spejjeż ta' l-ossolexxenza. Billi jiġbru l-assi tagħhom, A u B jistgħu jkunu jistgħu jiksbu tnaqqis fl-ispejjeż.

(66) L-effiċjenzi fl-ispejjeż jistgħu wkoll jirriżultaw mill-ekonomiji ta' l-iskala, jiġifieri jtnaqqsu l-ispejjeż għal kull unità tal-produzzjoni meta tiżdied il-produzzjoni. Biex nagħtu eżempju: l-investment fit-tagħmir u f'assi oħrajn spiss għandu jsir fi blokki li ma jistgħux jinqas. Jekk intrapriża ma tistax tuża blokk sħiħ, l-ispejjeż medji tagħha jkunu ogħla milli kieku tista' tagħmel dan. Per eżempju, l-ispejjeż ta' l-operat ta' trakk huwa virtwalment l-istess irrispettivament minn hekk huwiex kważi vojt, nofsu mimli, jew mimli kollu. Il-ftehimiet li bihom l-intrapriżi jikkombinaw l-operati loġistiċi tagħhom jistgħu jippermettuhom iżidu l-fatturi ta' tagħbija u jnaqqsu l-għadd ta' vetturi wżati. Skala akbar tista' wkoll tippermetti għal tqassim aħjar tax-xogħol li jwassal għal spejjeż aktar baxxi għal kull unità. Il-kumpaniji jistgħu jiksbu l-ekonomiji ta' l-iskala fir-rigward tal-partijiet kollha tal-katina tal-valur, inkluż ir-riċerka u l-iżvilupp, il-produzzjoni, it-tqassim u l-kummerċjalizzazzjoni. L-ekonomiji tat-tagħlim jikkostitwixxu tip relatat ta' effiċjenza. Hekk kif tinkiseb l-esperjenza fl-użu ta' proċess tal-produzzjoni partikolari jew fit-tweqqif ta' funzjonijiet partikolari, il-produttività tista' tiżdied għaliex il-proċess ikollu jimxi b'mod aktar effiċjenti jew minħabba li l-funzjoni titwettag aktar malajr.

(67) L-ekonomiji tal-firxa huma għajn ieħor ta' effiċjenza fl-ispejjeż, li jseħħu meta l-kumpaniji jiksbu l-iffrankar fl-ispejjeż billi jipproduċu prodotti differenti fuq il-bażi ta' l-istess tidhli. Dawn l-effiċjenzi jistgħu jirriżultaw mill-fatt li huwa possibbli li jintużaw l-istess komponenti u l-istess faċilitajiet u impjegati sabiex jiġu prodotti varjetà ta' prodotti. B'mod simili, l-ekonomiji tal-firxa jistgħu jirriżultaw fid-distribuzzjoni meta bosta tipi ta' prodotti jiġu mqasma fl-istess vetturi. Per eżempju, produttur tal-pizez iffriżati u produttur tal-ħaxix iffriżat jistgħu jiksbu l-ekonomiji tal-firxa billi jqassmu l-prodotti tagħhom flimkien. Iż-żewġ gruppi ta' prodotti jridu jiqassmu f'vetturi mkessħa u x'aktarx li hemm bosta skorrimenti bħala klijenti. Billi jikkombinaw l-operazzjonijiet tagħhom iż-żewġ produtturi jistgħu jiksbu spejjeż aktar baxxi tat-tqassim għal kull unità mqasma.

(68) L-effiċjenzi fil-forma ta' tnaqqis ta' l-ispejjeż jistgħu wkoll jirriżultaw minn ftehimiet li jippermettu l-ippjanar aħjar tal-produzzjoni, li jnaqqsu l-bżonn li jinżamm inventarju ta' valur għoli u li jippermettu l-użu aħjar tal-kapaċità. L-effiċjenzi ta' din in-natura jistgħu per eżempju jirriżultaw mill-użu ta' xiri "eżatt fil-waqt", jiġifieri obbligu tal-fornitur ta' komponenti li dejjem jipprovdi lix-xerrej skond il-bżonnijiet tiegħu u b'hekk jevita l-bżonn li x-xerrej iżomm ħażna sinjifikanti ta' komponenti li jirriskjaw li jsiru antiki. L-iffrankar ta' l-ispejjeż jista' wkoll jirriżulta minn ftehimiet li jippermettu lill-partijiet jirrazjonalizzaw il-produzzjoni tagħhom tul il-faċilitajiet tagħhom.

3.2.2.2. L-effiċjenzi kwalitattivi

(69) Il-ftehimiet bejn l-intrapriżi jistgħu jiġġeneraw bosta effiċjenzi ta' natura kwalitattiva li huma rilevanti għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3). F'għadd ta' każijiet il-potenzjal ewlieni ta' titjib ta' l-effiċjenzi tal-ftehim mhuwiex it-tnaqqis fl-ispejjeż li hija titjib fil-kwalità u effiċjenzi oħrajn ta' natura kwalitattiva. Skond il-każ individwali, dawn l-effiċjenzi jistgħu għalhekk ikunu ta' importanza indaq jew akbar minn effiċjenzi fl-ispejjeż.

(70) L-avvanzi tekniċi u teknoloġiċi jiffurmaw parti essenzjali u dinamika ta' l-ekonomija, u jiġġeneraw benefiċċji sinjifikanti fil-forma ta' prodotti u servizzi ġodda jew aħjar. Billi jikkooperaw, l-intrapriżi jistgħu jkunu kapaċi jgħolqu effiċjenzi li ma kinux ikunu possibbli mingħajr il-ftehim restrittiv jew li kienu jkunu possibbli biss b'dewmien sostanzjali jew bi spiża ogħla. Dawn l-effiċjenzi jikkontribwixxu għajn importanti ta' benefiċċji ekonomiċi li huma koperti mill-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3). Il-ftehimiet li huma kapaċi li jipproduċu l-effiċjenzi ta' din in-natura jinkludu b'mod partikolari, il-ftehimiet tar-riċerka u l-iżvilupp. Eżempju jkun li A u B jgħolqu intrapriża konġunta għall-iżvilupp u, jekk tirnexxi, il-produzzjoni konġunta ta' tajer ibbażat fuq ċelloli. It-titqib ta' ċellola waħda ma jaffettwax iċ-ċelloli l-oħrajn, li jfisser li ma hemm ebda riskju li jikkollassa t-tajer fil-każ li jittaqqab. It-tajer għalhekk huwa aktar sikur mit-tajers tradizzjonali. Dan ifisser ukoll li ma hemm ebda bżonn immedjat li jinbidel it-tajer u għalhekk li jinġarr tajer żejjed. Iż-żewġ tipi ta' effiċjenzi jikkostitwixxu benefiċċji oġġettivi fis-sens ta' l-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3).

(71) Bl-istess mod li l-kombinazzjoni ta' l-assi komplementarji tista' twassal għall-iffrankar ta' l-ispejjeż, il-kombinazzjoni ta' l-assi tista' wkoll toħloq sinerġiji li jgħolqu effiċjenzi ta' natura kwalitattiva. Il-kombinazzjoni ta' l-assi tal-produzzjoni tista' per eżempju twassal għall-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja jew prodotti b'karatteristiċi ġodda. Dan jista' per eżempju jkun il-każ għal ftehimiet ta' liċenzjar, u ftehimiet li jipprovdu għall-produzzjoni konġunta ta' prodotti jew servizzi ġodda jew aħjar. Il-ftehimiet dwar il-liċenzji jistgħu, b'mod partikolari, jiżguraw tixrid aktar mgħaġġel tat-teknoloġija fiż-ŻEE u jippermettu lill-

partijiet liċenzjati jagħmlu disponibbli prodotti ġodda jew jużaw tekniċi ġodda tal-produzzjoni li jwasslu għal titjib fil-kwalità. Il-ftehimiet tal-produzzjoni konġunt jistgħu, b'mod partikolari, jippermettu prodotti ġodda jew aħjar jiġu introdotti fis-suq aktar malajr jew bi prezz aktar baxx ⁽⁷²⁾. Per eżempju, fis-settur tat-telekomunikazzjoni l-ftehimiet ta' kooperazzjoni ġew dikjarati li jgħallqu l-effiċjenzi billi jagħmlu disponibbli aktar malajr is-servizzi globali ⁽⁷³⁾. Fis-settur tal-banek il-ftehimiet ta' kooperazzjoni li għamlu disponibbli faċilitajiet aħjar biex isiru l-ħlasijiet transkonfinali wkoll ġew dikjarati li jgħallqu l-effiċjenzi li jaqgħu taħt l-ambitu ta' l-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) ⁽⁷⁴⁾.

(72) Il-ftehimiet tad-distribuzzjoni ukoll jagħtu lok għal effiċjenzi kwalitattivi. Id-distributori, per eżempju, jistgħu jkunu kapaċi jipprovdu servizzi li huma mfassla aħjar għall-ħtiġiet tal-klijenti jew jipprovdu konsenja aktar malajr jew assikurazzjoni aħjar tal-kwalità tul il-katina tad-distribuzzjoni ⁽⁷⁵⁾.

3.3. It-tielet kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3): L-indispensabilità tar-restrizzjonijiet

(73) Skond it-tielet kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), il-ftehimiet restrittivi m'għandhomx jimponu r-restrizzjonijiet, li mhumiex indispensabbli għall-kisba ta' l-effiċjenzi maħluqa mill-ftehim in kwistjoni. Din il-kondizzjoni timplika test f'żewġ partijiet. L-ewwel, il-ftehim restrittiv innifsu għandu jkun raġonevolment neċessarju sabiex jikseb l-effiċjenzi. It-tieni, ir-restrizzjonijiet individwali tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-ftehim għandhom ukoll ikunu raġonevolment neċessarji għall-kisba ta' l-effiċjenzi.

(74) Fil-tielet kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), il-fattur deċiżiv huwa jekk il-ftehim restrittiv u r-restrizzjonijiet individwali jagħmluhomx possibbli li titwettaq l-attività in kwistjoni b'mod aktar effiċjenti milli x'aktarx kien ikun il-każ fin-nuqqas tal-ftehim jew ir-restrizzjoni kkonċernati. Il-mistoqsija mhijx jekk fin-nuqqas tar-restrizzjoni l-ftehim kienx jiġi konkluż, iżda hekk humiex prodotti aktar effiċjenzi bil-ftehim jew restrizzjoni iżda fin-nuqqas tal-ftehim jew restrizzjoni ⁽⁷⁶⁾.

⁽⁷²⁾ Ara eż., id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'GAE/P&W, ĠU L 58, 3.3.2000, p. 16; f'British Interactive Broadcasting/Open, ĠU L 312, 6.12.1999, p. 1; u f'Asahi/Saint Gobain, ĠU L 354, 31.12.2004, p. 87.

⁽⁷³⁾ Ara eż., id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Atlas, ĠU L 239, 19.9.1996, p. 23, u f'Phoenix/Global One, ĠU L 239, 19.9.1996, p. 57.

⁽⁷⁴⁾ Ara eż., id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Uniform Eurocheques, ĠU L 35, 7.2.1985, p. 43.

⁽⁷⁵⁾ Ara eż., id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Cégétel + 4, ĠU L 88, 31.3.1999, p. 26.

⁽⁷⁶⁾ Dwar il-mistoqsija ta' qabel, li tista' tkun rilevanti fil-kuntest ta' l-Artikolu 53(1), ara l-paragrafu 18 hawn fuq.

(75) L-ewwel test li jinsab fit-tielet kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) jeħtieġ li l-effiċjenzi jkunu speċifiċi għall-ftehim in kwistjoni fis-sens li ma hemm ebda mezz ieħor ekonomikament prattikabbli u inqas restrittiv biex jinkisbu l-effiċjenzi. Meta s-sir din l-evalwazzjoni ta' l-aħħar il-kondizzjonijiet tas-suq u r-realtajiet kummerċjali li jiffaċċjaw il-partijiet tal-ftehim tal-ftehim għandhom jitqiesu. L-intrapriża li jinvokaw il-benefiċċju ta' l-Artikolu 53(3) mhumiex meħtieġa jqisu alternattivi ipotetiċi jew teoretiċi. L-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA mhux se taqta' l-ħsieb kummerċjali tal-partijiet. Hija tintervjeni fejn huwa raġonevolment ċar li hemm alternattivi realistċi u li jistgħu jinkisbu. Il-partijiet għandhom biss jispjegaw u juru għaliex dawn l-alternattivi tal-ftehim li tant jidhru realistċi u b'mod sinjifikanti inqas restrittivi ikunu b'mod sinjifikanti inqas effiċjenti.

(76) Huwa partikolarment rilevanti li jiġi eżaminat jekk, filwaqt li jitqiesu kif xieraq iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, il-partijiet setgħu jiksbu l-effiċjenzi permezz ta' tip inqas restrittiv ta' ftehim u, jekk iva, meta x'aktarx jiksbu l-effiċjenzi. Jista' wkoll ikun neċessarju li wieħed jeżimina jekk il-partijiet setgħu jiksbu l-effiċjenzi waħedhom. Per eżempju, fejn l-effiċjenzi allegati jieħdu l-forma ta' tnaqqis fl-ispejjeż li jirriżultaw mill-ekonomiji ta' l-iskala jew tal-firxa l-intrapriża kkonċernata għandhom jispjegaw u jissostanzjaw għaliex l-istess effiċjenzi ma kinux aktarx jinkisbu permezz tat-tkabbir intern u l-kompetizzjoni fil-prezzijiet. Meta ssir din l-evalwazzjoni huwa rilevanti li wieħed iqis, fost l-oħrajn, x'inhi l-iskala minima effiċjenti fis-suq ikkonċernat. L-iskala minima effiċjenti hija l-livell tal-produzzjoni meħtieġ biex jiġu mminimizzati l-ispejjeż medji u jiġu eżawriti l-ekonomiji ta' l-iskala ⁽⁷⁷⁾. Akbar ma tkun l-iskala minima effiċjenti meta mqabbla mad-daqs kurrenti ta' kull parti tal-ftehim, aktar ma jkun probabbli li l-effiċjenzi jitqiesu li huma speċifiċi għall-ftehim. Fil-każ ta' ftehimiet li jipproduċu sinerġiji sostanzjali permezz tal-kombinazzjoni ta' assi u kapaċitajiet komplementarji innatura stess ta' l-effiċjenzi tagħti lok għal preżunzjoni li l-ftehim huwa neċessarju biex jinkisbu.

(77) Dawn il-prinċipji jistgħu jiġu illustrati b'dan l-eżempju ipotetiku:

A u B jikkombinaw fi ħdan intrapriża konġunta it-teknoloġiji rispettivi tal-produzzjoni biex jiksbu produzzjoni akbar u konsum aktar baxx ta' materja prima. L-intrapriża konġunta tingħata liċenzja esklussiva għat-teknoloġiji rispettivi tal-produzzjoni. Il-partijiet jittrasferixxu l-faċilitajiet eżistenti tal-produzzjoni tagħhom lill-intrapriża konġunta. Jittrasferixxu wkoll lill-impjegati ewlenin sabiex jiżguraw li l-ekonomiji tat-tagħlim eżistenti jistgħu jkunu sfruttati u żviluppatti aktar. Huwa stmat li

⁽⁷⁷⁾ L-ekonomiji tal-firxa normalment huma eżawriti f'ċertu punt. Wara dan l-ispejjeż medji jistabbilixxu u eventwalment jgħallqu minħabba, per eżempju, il-limitazzjonijiet tal-kapaċità u l-ostakoli.

dawn l-ekonomiji jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni b'5 % oħra. Il-produzzjoni ta' l-intrapriża konġunta tinbiegħ b'mod indipendenti minn A u B. F'dan il-każ il-kondizzjoni ta' l-indispensabilità teħtiegħ evalwazzjoni ta' jekk il-benefiċċji jistgħux jinkisbu b'mod sostanzjali permezz ta' ftehim ta' liċenzjar, li x'aktarx ikun inqas restrittiv minħabba li A u B jkomplu jipproduċu b'mod indipendenti. Fiċ-ċirkostanzi deskritti dan x'aktarx ikun il-każ minħabba li taħt ftehim ta' liċenzjar il-partijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw bl-istess mod mingħajr interruzzjoni u kontinwat mill-esperjenza rispettiva fl-operazzjoni taż-żewġ teknoloġiji, li jirriżultaw f'ekonomiji tat-tagħlim sinjifikanti.

(78) Ladarba jinstab li l-ftehim in kwistjoni huwa meħtiegħ sabiex jiġu prodotti l-effiċjenzi, l-indispensabilità ta' kull restrizzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-ftehim għandha tiġi evalwata. F'dan il-kuntest għandu jiġi evalwat jekk ir-restrizzjonijiet individwali humiex raġonevolment neċessarji sabiex jiġu prodotti l-effiċjenzi. Il-partijiet tal-ftehim għandhom jissostanzjaw l-allegazzjoni ta' tagħhom fir-rigward ta' kemm in-natura tar-restrizzjoni u l-intensità tagħha.

(79) Restrizzjoni hija indispensabbli jekk in-nuqqas tagħha jelimina jew inaqqas b'mod sinjifikanti l-effiċjenzi li jsegwu mill-ftehim jew jagħmilha b'mod sinjifikanti inqas probabbli li jimmaterializzax. L-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi għandha tqis it-titjib attwali u potenzjali fil-qasam tal-kompetizzjoni bl-eliminazzjoni ta' restrizzjoni partikolari jew l-applikazzjoni ta' alternattiva inqas restrittiva. Aktar ma tkun restrittiva r-restrizzjoni, aktar ma jkun strett it-test taħt it-tielet kondizzjoni (78). Ir-restrizzjonijiet li huma fil-lista sewda fl-eżenzjonijiet ġenerali jew identifikati bħala restrizzjonijiet assolutament ipprojbti fil-linji gwida u fl-avviżi ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA x'aktarx ma jtiqisux indispensabbli.

(80) L-evalwazzjoni ta' l-indispensabilità ssir fil-kuntest attwali li fiha jopera l-ftehim u għandha b'mod partikolari tqis l-istruttura tas-suq, ir-riskji ekonomiċi relatati mal-ftehim, u l-inċentivi li jiffaċċjaw il-partijiet. Aktar ma jkun inċert is-suċċess tal-prodott kopert mill-ftehim, aktar ma tista' tkun meħtiegħa restrizzjoni biex jiġi żgurat li l-effiċjenzi jimmaterializzaw. Ir-restrizzjonijiet jistgħu wkoll ikunu indispensabbli sabiex l-inċentivi tal-partijiet jiġu allinjati u jiġi żgurat li jikkonċentraw l-isforzi ta' tagħhom fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim. Restrizzjoni tista' per eżempju tkun meħtiegħa sabiex jiġu evitati problemi li jwaqqfu ladarba jkun sar investiment sostanzjali li ma jistax jinġabar lura minn waħda mill-partijiet. Per eżempju ladarba provditur ikun għamel investiment sostanzjali speċifiku għar-relazzjoni skond l-għan li jipprovdil lil klijent b'tidhli, il-provditur huwa marbut mal-klijent. Sabiex jiġi evitat li wara l-fatt il-klijent jisfrutta din id-dipendenza biex jikseb termini akar favorevoli, jista' jkun meħtiegħ li tiġi imposta obbligazzjoni li

ma jinxtarax il-komponent minn terzi jew li jinxtaraw kwantitajiet minimi tal-komponent mill-fornitur (79).

(81) F'xi każijiet restrizzjoni tista' tkun indispensabbli biss għal ċertu żmien, f'liema każ l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tgħodd biss matul dak iż-żmien. Meta ssir din l-evalwazzjoni huwa meħtiegħ li jitqies b'mod xieraq iż-żmien meħtiegħ biex il-partijiet jiksibu l-effiċjenzi li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-regola ta' eċċezzjoni (80). Fil-każijiet fejn il-benefiċċji ma jistgħux jinkisbu minhajr investiment konsiderevoli, għandu jitqies b'mod partikolari iż-żmien meħtiegħ biex jiġi żgurat dħul lura xieraq fuq dan l-investment, ara wkoll il-paragraf 44 hawn fuq.

(82) Dawn il-prinċipji jistgħu jiġu illustrati b'dan l-eżempju ipotetiku:

P tipproduċi u tidistribwixxi l-pizez iffriżati, u għandha 15 % tas-suq fl-Istat taż-ŻEE, X. Il-konsenji jsiru direttament lill-bejjiegħa bl-innut. Ladarba l-parti l-kbira tal-bejjiegħa bl-innut għandhom kapaċità limitata għall-ħażna, huma meħtiegħa konsenji relattivament spiss, li jwassal għal użu baxx tal-kapaċità u l-użu ta' vetturi relattivament żgħar. T hija bejjiegħa bl-ingrossa tal-pizez iffriżati u prodotti ffriżati oħrajn, u tikkonsenja lill-parti l-kbira ta' l-istess klijenti bħal P. Il-prodotti tal-pizza mqassma minn T għandhom 30 % tas-suq. T għandha flotta ta' vetturi akbar u għandha kapaċità żejda. P tikkonkludi ftehim ta' distribuzzjoni esklussiva ma' T għall-Istat taż-ŻEE X u timpenja ruħha li tiżgura li d-distributuri fl-Istati taż-ŻEE l-oħrajn ma jbiegħux fit-territorju ta' T attivament jew passivament. T tintrabat li tirreklama l-prodotti, tistħarreġ xi jridu l-konsumaturi u r-rati ta' sodisfazzjon u tiżgura l-konsenja lill-bejjiegħa bl-innut tal-prodotti kollha fi żmien 24 siegħa. Il-ftehim iwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż totali tad-distribuzzjoni ta' 30 % għaliex il-kapaċità tintuża aħjar u tiġi eliminata d-duplikazzjoni tar-rotot. Il-ftehim iwassal ukoll għall-proviżjoni ta' servizzi addizzjonali lill-konsumaturi. Ir-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ passiv huma restrizzjonijiet assolutament ipprojbti taħt l-eżenzjoni ġenerali dwar ir-restrizzjonijiet vertikali (81) u jistgħu jitqiesu indispensabbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-pożizzjoni fis-suq stabbilita ta' T u n-natura ta' l-obbligati imposti fuqha jindikaw li dan mhumiex każ eċċezzjonali. Il-projbizzjoni ta' bejgħ attiv, min-naħa l-oħra, x'aktarx huwa indispensabbli. T x'aktarx ikollha inqas inċentiva li tbiegħ u tirreklama l-marka ta' P, jekk id-distributuri fl-Istati l-oħrajn taż-ŻEE

(79) Għal aktar dettall ara l-paragrafu 116 tal-Linji Gwida dwar ir-Restrizzjonijiet Vertikali ċċitati fin-nota 6.

(80) Ara l-Kawżi Konġunti T-374/94, European Night Services u oħrajn, [1998] ECR II-3141, paragrafu 230.

(81) Ara l-Att imsemmi fil-punt 2 ta' l-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma, ĠU L 336, 29.12.1999, page 21 (kif inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2000 tat-28 ta' Jannar 2000, ĠU L 103, 12.4.2001, p. 36).

(78) Ara f'dan ir-rigward il-paragrafi 392 sa 395 tas-sentenza f'Compagnie Générale Maritime iċċitata fin-nota 59.

jistgħu jbiegħu attivament fl-Istat taż-ŻEE X u għalhekk jirkbu bla ħlas fuq l-isforzi ta' T. Dan huwa partikolarment il-każ, għaliex T wkoll tqassam marki li jikkompetu u għalhekk għandha l-possibbiltà li timbotta aktar mid-ditti li huma l-inqas esposti għal dan l-irkib bla ħlas.

S hija produttur ta' xorb minerali karbonat, li għandha 40 % tas-suq. L-eqreb kompetitur għandu 20 %. S tikkonkludi ftehimiet tal-produzzjoni ma' klijenti li huma responsabbli għal 25 % tad-domanda, li bihom jintrabtu li jixtru esklussivament minn S għal 5 snin. S tikkonkludi l-ftehimiet ma' klijenti oħrajn li huma responsabbli għal 15 % tad-domanda li bihom jingħataw skontijiet tal-mira kull erba' xhur, jekk ix-xiri tagħhom jeċċedi ċerti miri ffixsati individwalment. S tallega li l-ftehimiet jippermettuha tbassar id-domanda b'mod aktar preċiż u b'hekk tippjana l-produzzjoni aħjar, tnaqqas il-ħażna ta' materja prima u l-ispejjeż ta' l-imħażen u tevita n-nuqqasijiet fil-provvista. Minħabba l-pożizzjoni fis-suq ta' S u l-medja kkombinata tar-restrizzjonijiet, x'aktarx li r-restrizzjonijiet ma jiqsisux indispensabbli. L-obbligu tax-xiri esklussiv jeċċedi dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi pplanata l-produzzjoni u l-istess jgħodd għall-iskema tal-iskonti skond il-miri. Il-prevedibbiltà tad-domanda tista' tinkiseb b'mezz inqas restrittivi. Per eżempju, S tista' tipprovi inċentivi biex il-klijenti jordnaw kwantitajiet kbar f'daqqa billi toffri roħs skond il-kwantità jew toffri roħs lill-klijenti li jagħmlu ordnijiet definiti minn qabel għall-konsenja f'dati speċifikati.

3.4. It-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3): Sehem ekwu għall-konsumaturi

3.4.1. Rimarki ġenerali

- (83) Skond it-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), il-konsumaturi għandhom jirċievu sehem ekwu tal-benefiċċji ġġenerati mill-ftehim restrittiv.
- (84) Il-kunċett ta' "konsumaturi" jinkludi l-utenti kollha diretti jew indiretti tal-prodotti koperti mill-ftehim, inklużi l-produtturi li jużaw il-prodotti bħala tidħil, il-bejjieġha bl-ingrossa, il-bejjieġha bl-imnut u l-konsumaturi finali, jiġifieri persuni naturali li qed jaġixxu għal skopijiet li jistgħu jitqiesu barra min-negozju jew il-professjoni tagħhom. Fi kliem ieħor, il-konsumaturi fis-sens ta' l-Artikolu 53(3) huma l-klijenti tal-partijiet tal-ftehim u xerrejja sussegwenti. Dawn il-klijenti jistgħu jkunu intrapriżi bħal fil-każ ta' xerrejja ta' makkinarju industrijali jew tidħil għal proċessar ulterjuri jew klijenti finali bħal per eżempju fil-każ ta' xerrejja ta' ġelat ta' l-impuls jew tar-roti.
- (85) Il-kunċett ta' "sehem ekwu" jimplika li l-mogħdija 'l quddiem tal-benefiċċji għandha għall-inqas tikkumpensa lill-konsumaturi għal kwalunkwe impatt attwali jew probabbli negattiv ikkawżat minnhom mir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni misjuba taħt l-Artikolu 53(1). Skond l-għan ġenerali ta' l-Artikolu 53 biex jiġu mrażżna l-ftehimiet anti-kompetittivi, l-effett nett tal-ftehim għandu għall-inqas ikun newtrali mill-perspettiva ta' dawk il-konsumaturi direttament jew

x'aktarx affettwati mill-ftehim⁽⁸²⁾. Jekk dawn il-konsumaturi huma agħar wara l-ftehim, it-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) ma ntlaħqitx. L-effetti pożittivi ta' ftehim għandhom jiu bbilanacjati kontra u jikkumpensaw għall-effetti negattivi tiegħu fuq il-konsumaturi⁽⁸³⁾. Meta dan huwa l-każ il-konsumaturi ma jsofrux dannu mill-ftehim. Barra minn dan, is-soċjetà in ġenerali tibbenefika fejn l-effiċjenzi jwassli jew għal użu ta' inqas riżorsi għall-produzzjoni tal-prodotti kkonsmati, jew għall-produzzjoni ta' prodotti ta' valur akbar, u għalhekk għal allokkazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi.

- (86) Mhuwiex meħtieġ li l-konsumaturi jirċievu sehem ekwu minn kull kisba ta' effiċjenza identifikata taħt l-ewwel kondizzjoni. Huwa biżżejjed li jitgħaddew biżżejjed benefiċċji biex jiġu kkumpensati l-effetti negattivi tal-ftehim restrittiv. F'dak il-każ il-konsumaturi jiksbu sehem ekwu tal-benefiċċji totali⁽⁸⁴⁾. Jekk ftehim restrittiv x'aktarx iwassal għal prezzijiet ogħla, il-konsumaturi għandhom jiġu kkumpensati b'mod sħiħ permezz ta' kwalità akbar jew benefiċċji oħrajn. Jekk le, it-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) mhijiex sodisfatta.
- (87) Il-fattur deċiżiv huwa l-impatt totali fuq il-konsumaturi tal-prodotti fis-suq rilevanti u mhux l-impatt fuq membri individwali ta' dan il-grupp ta' konsumaturi⁽⁸⁵⁾. F'xi każijiet jista' jkun meħtieġ ċertu żmien qabel ma jimmaterjalizzaw l-effiċjenzi. Sa dan iż-żmien, il-ftehim jista' jkollu biss effetti negattivi. Il-fatt li l-mogħdija lill-konsumatur isseħħ b'ċertu dewmien minnu nnifsu ma jeskludix l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3). Madankollu, akbar ma jkun id-dewmien, akbar ma jridu jkunu l-effiċjenzi biex ukoll jikkumpensaw għat-telf lill-konsumaturi matul il-perjodu qabel il-mogħdija.
- (88) Meta ssir din l-evalwazzjoni għandu jitqies li l-valur ta' kisba għall-konsumaturi fil-futur mhux l-istess bħal valur fil-preżent għall-konsumaturi. Il-valur li jiffrankaw 100 Euro llum huwa akbar milli jiffrankaw l-istess valur sena wara. Kisba għall-konsumaturi fil-futur għalhekk ma tikkumpensax għal kollox għal telf fil-preżent għall-konsumaturi ta' daqs nominali ndaqs. Sabiex ikun hemm lok għal tqabbil xieraq tat-telf preżenti għall-konsumaturi ma' kisba fil-futur għall-konsumaturi, il-valur tal-kisbiet fil-

⁽⁸²⁾ Ara f'dan ir-rigward is-sentenza f'Consten and Grundig iċċitata fin-nota 23, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej irritereniet li t-titjib fis-sens ta' l-ewwel kondizzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE għandu juri vantaġġi oġġettivi apprezzabbli ta' karattru tali li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi li jikkawżaw fil-qasam tal-kompetizzjoni.

⁽⁸³⁾ Huwa mfakkar li l-effetti pożittivi u negattivi fuq il-konsumaturi huma bħala prinċipju bbilanacjati f'kull suq rilevanti (ara l-paragrafu 43 hawn fuq).

⁽⁸⁴⁾ Ara f'dan ir-rigward il-paragrafu 48 tas-sentenza ta' Metro (I) iċċitata fin-nota 56.

⁽⁸⁵⁾ Ara l-paragrafu 163 tas-sentenza f'Shaw iċċitata fin-nota 58.

futur għandu jtnaqqas. Ir-rata ta' tnaqqis għandha tirrefletti r-rata ta' l-inflazzjoni, jekk hemm, u l-interess mitluf bħala indikazzjoni tal-valur aktar baxx ta' kisbiet fil-futur.

(89) F'każijiet oħrajn il-ftehim jista' jippermetti lill-partijiet jiksbu l-effiċjenzi aktar kmieni milli mod ieħor kien ikun possibbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi jkun meħtieġ li jitqies l-impatt probabbli negattiv fuq il-konsumaturi fis-suq rilevanti ladarba dan iż-żmien ta' bidu jkun skada. Jekk permezz tal-ftehim restrittiv il-partijiet jiksbu pożizzjoni b'saħħitha fis-suq, jistgħu jkunu jitolbu prezz li huwa b'mod sinjifikanti ogħla milli kien ikun il-każ mod ieħor. Biex tiġi soddisfatta t-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) il-benefiċċju għall-konsumaturi li jkollhom aċċess qabel għall-prodotti għandu jkun sinjifikanti ndaqs. Dan jista' per eżempju jkun il-każ meta ftehim jippermetti lil żewġ manifatturi tat-tajers idaħħlu fis-suq tliet snin qabel tajer ġdid sostanzjalment aktar sikur iżda fl-istess ħin, billi jżidu s-setgħa tagħhom fis-suq, jippermettathom jgħollu l-prezzijiet b'5 %. F'dan il-każ x'aktarx li l-aċċess bikri għal prodott sostanzjalment imtejjeb huwa akbar miż-żjieda fil-prezz.

(90) It-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tinkorpora skala progressiva. Akbar ma tkun ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni misjuba taħt l-Artikolu 53(1) akbar għandhom ikunu l-effiċjenzi u l-mogħdija tal-benefiċċji lill-konsumaturi. Din l-istrateġija ta' skala progressiva timplika li jekk l-effetti restrittivi ta' ftehim huma relativament limitati u l-effiċjenzi huma sostanzjali, x'aktarx li sehem ekwu ta' l-iffrankar ta' l-ispejjeż jitgħadda lill-konsumaturi. F'dawn il-każijiet għalhekk normalment mhux meħtieġ li ssir analiżi dettaljata tat-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), kemm-il darba t-tliet kondizzjonijiet l-oħrajn għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jintlaħqu.

(91) Jekk, min-naħa l-oħra, l-effetti restrittivi tal-ftehim huma sostanzjali u l-iffrankar ta' l-ispejjeż huwa relativament insinjifikanti, x'aktarx t-tieni kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) ma tintlaħaqx. L-impatt tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni jiddependi fuq l-intensità tar-restrizzjoni u l-livell tal-kompetizzjoni li jifdal wara l-ftehim.

(92) Jekk il-ftehim għandu effetti anti-kompetittivi sostanzjali u effetti pro-kompetittivi sostanzjali, hija meħtieġa analiżi bir-reqqa. Fl-applikazzjoni tat-test ta' l-ibbilanċjar f'dawn il-każijiet għandu jitqies li l-kompetizzjoni hija mexxej importanti fiż-żmient twil ta' l-effiċjenza u l-innovazzjoni. L-intrapriżi li mhumiex soġġetti għal limitazzjonijiet kompetittivi effettivi – bħala per eżempju l-kumpanniji dominanti – għandhom inqas inċentiva biex iżommu jew jibnu l-effiċjenzi. Aktar ma jkun sostanzjali l-impatt tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni, aktar ikun probabbli li l-konsumaturi jbatu fuq żmien twil.

(93) Iż-żewġ taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu f'aktar dettall il-qafas analitiku biex tiġi evalwata l-mogħdija lill-konsumatur tal-kisbiet ta' l-effiċjenzi. L-ewwel taqsima tittratta l-effiċjenzi fl-ispejjeż, filwaqt li t-taqsima ta' wara tkopri tipi oħrajn ta'

effiċjenzi bħala prodotti ġodda jew aħjar (l-effiċjenzi kwalitattivi). Il-qafas, li huwa żviluppat f'dawn iż-żewġ taqsimiet, huwa ta' importanza partikolari f'każijiet fejn mhumiex ovvjju minnufih li d-dannu kompetittiv jeċċedi l-benefiċċji għall-konsumaturi jew *vice versa* ⁽⁸⁶⁾.

(94) Meta tapplika l-prinċipji stabbiliti hawn taħt, l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA tqis il-fatt li f'ħafna każijiet huwa diffiċli li jiġu kkalkolati b'mod preċiż ir-rata tal-mogħdija lill-konsumatur u tipi oħrajn ta' mogħdija lill-konsumatur. L-intrapriżi huma meħtieġa biss jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom billi jipprovdu stimi u data oħra sa fejn raġonevolment possibbli, filwaqt li jqisu iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali.

3.4.2. Il-mogħdija u l-ibbilanċjar ta' l-effiċjenzi fl-ispejjeż

(95) Meta s-swieq, kif normalment huwa l-każ, mhumiex perfettament kompetittivi, l-intrapriżi jistgħu jinfluwenzaw il-prezz tas-suq fi grad akbar jew inqas billi jibdlu l-produzzjoni tagħhom ⁽⁸⁷⁾. Jistgħu wkoll ikunu jistgħu jagħmlu diskriminazzjoni fil-prezzijiet fost il-klijenti.

(96) L-effiċjenzi fl-ispejjeż jistgħu, f'xi ċirkostanzi, iwasslu għal produzzjoni akbar u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi affettwati. Jekk minħabba l-effiċjenzi fl-ispejjeż l-intrapriżi in kwistjoni jistgħu jżidu l-profitti billi jespandu l-produzzjoni, tista' sseħħ il-mogħdija lill-konsumatur. Fl-evalwazzjoni tal-grad sa fejn l-effiċjenzi fl-ispejjeż x'aktarx jitgħaddew lill-konsumaturi u r-riżultat tat-test ta' l-ibbilanċjar li jinsab fl-Artikolu 53(3) jitqiesu b'mod partikolari dawn il-fatturi li ġejjin:

(a) Il-karatteristiċi u l-istruttura tas-suq,

(b) In-natura u d-daqs tal-kisbiet ta' l-effiċjenza

(c) L-elastiċità tad-domanda, u

(d) Id-daqs tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni.

Normalment il-fatturi kollha għandhom jitqiesu. Ladarba l-Artikolu 53(3) jgħodd biss f'każijiet fejn il-kompetizzjoni fis-suq qed tiġi ristretta b'mod apprezzabbli, ara l-paragrafu 24 hawn fuq, ma jista' jkun hemm ebda preżunzjoni li l-kompetizzjoni residwali tiżgura li l-konsumaturi jirċievu sehem ekwu tal-benefiċċji. Madan-

⁽⁸⁶⁾ Fit-taqsimiet li ġejjin, għall-konvenzjoni id-dannu kompetittiv huwa msemmi bħala prezzijiet ogħla; id-dannu kompetittiv jista' wkoll ifisser kwalità aktar baxxa, inqas varjetà jew innovazzjoni aktar baxxa milli kien iseħħ mod ieħor.

⁽⁸⁷⁾ Fis-swieq perfettament kompetittivi l-intrapriżi individwali huma dawk li jieħdu l-prezzijiet. Ibiegħu l-prodotti tagħhom bil-prezz tas-suq, li huwa ddeterminat mill-provvista u d-domanda ġenerali. Il-produzzjoni ta' l-intrapriża individwali tant hi żgħira li t-tibdil fil-produzzjoni ta' kwalunkwe intrapriża individwali ma jaffettwa l-prezz fis-suq.

kollu, il-livell tal-kompetizzjoni li jifdal fis-suq u n-natura ta' din il-kompetizzjoni jinfluwenzaw il-probabbiltà tal-mogħdija.

(97) Akbar ma jkun il-livell tal-kompetizzjoni residwali, aktar huwa probabbli li l-intrapriżi individwali jipprovaw iżidu l-bejgħ tagħhom billi jgħaddu l-effiċjenzi fl-ispejjeż. Jekk l-intrapriżi jikkompetu l-aktar fuq il-prezz u mhumix soġġetti għal limitazzjonijiet sinjifikanti dwar il-kapaċità, il-mogħdija tista' sseħħ relattivament malajr. Jekk il-kompetizzjoni l-aktar hija fuq il-kapaċità u l-adattazzjonijiet tal-kapaċità jseħħu b'ċertu dewmien, il-mogħdija tkun aktar bil-mod. Il-mogħdija x'aktarx tkun aktar bil-mod meta l-istruttura tas-suq jippermetti l-kollużjoni taċita⁽⁸⁸⁾. Jekk il-kompetituri x'aktarx jirretaljaw kontra żjieda fil-produzzjoni minn parti waħda jew aktar għall-ftehim, l-inċentiva li tiżdied il-produzzjoni tista' titnaqqas, sakemm il-vantaġġ kompetittiv mogħti mill-effiċjenzi ma jkunx tali li l-intrapriżi kkonċernati għandhom inċentiva li jersqu lil hinn mill-politika komuni adottata fis-suq mill-membri ta' l-oligopolija. Fi kliem ieħor, l-effiċjenzi ġġenerati mill-ftehim jistgħu jdawru lill-intrapriżi fl-hekk imsejħa "mavericks"⁽⁸⁹⁾.

(98) In-natura tal-kisbiet ta' l-effiċjenzi għandha wkoll rwol importanti. Skond it-teorija ekonomika l-intrapriżi jimmasimizzaw il-profitti tagħhom billi jbiegħu unitajiet ta' produzzjoni sakemm id-dħul marġinali huwa daqs l-ispiża marġinali. Id-dħul marġinali huwa t-tibdil fid-dħul totali li jirriżulta mill-bejgħ ta' unità addizzjonali tal-produzzjoni u l-ispiża marġinali hija t-tibdil fl-ispiża totali li jirriżulta mill-produzzjoni ta' dik l-unità addizzjonali tal-produzzjoni. Minn dan il-prinċipju jsegwi li bħala regola ġenerali d-deċizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-prezzijiet ta' intrapriża li timmassimizza l-profitt mhumix iddeterminati mill-ispejjeż fissi tagħha (jiġifieri spejjeż li ma jvarjawx mar-rata tal-produzzjoni) iżda mill-ispejjeż varjabbli tagħha (jiġifieri spejjeż li jvarjaw mar-rata tal-produzzjoni). Wara li jiġu mħallsa spejjeż fissi u tiġi stabbilita l-kapaċità, id-deċizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-prezzijiet huma ddeterminati skond l-ispiża varjabbli u l-kondizzjonijiet tad-domanda. Wieħed jista' jieħu bħala eżempju sitwazzjoni fejn żewġ kumpanniji t-tnejn jipproduċu żewġ prodotti f'żewġ linji ta' produzzjoni li joperaw b'nofs il-kapaċitajiet tagħhom. Ftehim ta' speċjalizzazzjoni jista' jippermetti liż-żewġ intrapriżi jispeċjalizzaw fil-produzzjoni ta' wieħed miż-żewġ prodotti u jwarrbu t-tieni linja tal-produzzjoni għall-prodott l-ieħor. Fl-istess ħin l-ispeċjalizzazzjoni tista' tippermetti lill-kumpanniji jnaqqsu l-ispejjeż varjabbli tal-materjali u tal-ħażniet. Huwa dan l-iffrankar ta' l-aħħar biss li jkollu effett dirett fuq id-deċizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-prezzijiet ta' l-intrapriżi, għaliex jinfluwenza l-ispejjeż marġinali tal-produzzjoni. Jekk kull intrapriża twarrab waħda mil-linji tal-produzzjoni tagħha ma jonqsux l-

ispejjeż varjabbli tagħhom u ma jkunux effettwati l-ispejjeż tal-produzzjoni. Isegwi li l-intrapriżi jista' jkollhom inċentiva diretta biex jgħaddu lill-konsumaturi fil-forma ta' produzzjoni oġhla u prezzijiet orħos, dawk l-effiċjenzi li jnaqqsu l-ispejjeż marġinali, filwaqt li ma għandhom ebda inċentiva diretta fir-rigward ta' effiċjenzi li jnaqqsu l-ispejjeż fissi. Għalhekk il-konsumaturi aktar probabbli li jirċievu sehem ekwu ta' l-effiċjenzi fl-ispejjeż fil-każ ta' tnaqqis fl-ispejjeż varjabbli milli huma fil-każ ta' tnaqqis fl-ispejjeż fissi.

(99) Il-fatt li l-intrapriżi jista' jkollhom inċentiva li jgħaddu xi tipi ta' effiċjenzi fl-ispejjeż ma jfissirx li r-rata tal-mogħdija neċessarjament tkun ta' 100 %. Ir-rata tal-mogħdija attwali tiddependi fuq l-grad sa liema l-konsumaturi jirreaġixxu għal tibdil fil-prezz, jiġifieri l-elastiċità tad-domanda. Akbar ma tkun iż-żjieda fid-domanda kkawżata minn roħs fil-prezz, akbar tkun ir-rata tal-mogħdija. Dan isegwi mill-fatt li akbar ma jkun il-bejgħ addizzjonali kkawżat minn roħs fil-prezz minħabba żjieda fil-produzzjoni, aktar huwa probabbli li dan il-bejgħ jikkontrobilanċja t-telf ta' dħul ikkawżat mill-prezz orħos li jirriżulta miż-żjieda fil-produzzjoni. Fin-nuqqas ta' diskriminazzjoni fil-prezzijiet, ir-roħs tal-prezzijiet jaffettwa lill-unitajiet kollha li tbiegħ l-intrapriża, f'liema każ id-dħul marġinali huwa inqas mill-prezz miksub għall-prodott marġinali. Jekk l-intrapriżi kkonċernati jistgħu jitolbu prezzijiet differenti lil klijenti differenti, jiġifieri jiddiskriminaw fil-prezzijiet, il-mogħdija normalment tibbenefika biss lill-konsumaturi sensittivi għall-prezz⁽⁹⁰⁾.

(100) Għandu wkoll jitqies li l-kisbiet ta' l-effiċjenzi spiss ma jaffettwawx l-istruttura kollha ta' l-ispiża ta' l-intrapriża kkonċernata. F'dan il-każ l-impatt fuq il-prezz għall-konsumaturi huwa mnaqqas. Jekk per eżempju, ftehim jippermetti lill-partijiet inaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni b'6 %, iżda l-ispejjeż tal-produzzjoni huma biss terz ta' l-ispejjeż fuq il-bażi ta' liema huma ddeterminati l-prezzijiet, l-impatt fuq il-prezz tal-prodott huwa 2 %, jekk wieħed jassumi li jitgħadda l-ammont kollu.

(101) Fl-aħħar, u importanti ħafna, huwa meħtieġ li jiġu bbilanċjati iż-żewġ forzi opposti li jirriżultaw mir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni u l-effiċjenzi ta' l-ispejjeż. Min-naħa l-waħda, kwalunkwe żjieda fis-setgħa fis-suq ikkawżata mill-ftehim restrittiv jagħti lill-intrapriżi kkonċernati l-abilità u l-inċentiva li jżidu l-prezz. Min-naħa l-oħra, it-tipi ta' effiċjenzi fl-ispejjeż li jitqiesu jistgħu jagħtu lill-intrapriżi kkonċernati inċentiva li jnaqqsu l-prezz, ara l-paragrafu 98 hawn fuq. L-effetti ta' dawn iż-żewġ forzi opposti għandhom jiġu bbilanċjati kontra xulxin. Huwa mfakkar f'dan ir-rigward li l-kondizzjoni tal-mogħdija lill-konsumaturi tinkorpora skala progressiva. Meta l-ftehim jikkawża tnaqqis sostanzjali fil-limitazzjoni kompetittiva li

⁽⁸⁸⁾ L-intrapriżi jaqblu taċitament meta f'suq oligopolistiku jistgħu jikkordinaw l-azzjoni tagħhom fis-suq mingħajr ma jirrikorru għal ftehim espliċitu ta' kartell.

⁽⁸⁹⁾ Dan it-terminu jirreferi għal intrapriżi li jillimitaw l-imġiba dwar il-prezzijiet ta' intrapriżi oħrajn fis-suq li mod ieħor kienu jiftieħmu b'mod taċitu.

⁽⁹⁰⁾ Il-ftehim restrittiv jista' wkoll jippermetti lill-intrapriżi in kwistjoni jitolbu prezzijiet oġhla lill-klijenti b'elastiċità baxxa tad-domanda.

jiffaċċjaw il-partijiet, normalment huma meħtieġa effiċjenzi fl-ispejjeż straordinarjament kbar biex issir mogħdija suffiċjenti.

3.4.3. Il-mogħdija u l-ibbilanċjar ta' tipi oħrajn ta' effiċjenzi

(102) Il-mogħdija lill-konsumatur tista' wkoll tieħu l-forma ta' effiċjenzi kwalitattivi bħal prodotti ġodda jew aħjar, li joħlqu valur biżżejjeż għall-konsumaturi biex jikkompensaw għall-effetti anti-kompetittivi tal-ftehim, inkluża żieda fil-prezz.

(103) Kwalunkwe stima bħal din neċessarjament teħtieġ deċiżjoni dwar il-valur. Huwa diffiċli li jiġu assenjati valuri preċiżi għal effiċjenzi dinamiċi ta' din in-natura. Iżda, l-għan fundamentali ta' l-evalwazzjoni tibqa' l-istess, jiġifieri li jiġi aċċertat il-valur totali tal-ftehim fuq il-konsumaturi fis-suq rilevanti. L-intrapriża li jinvolva il-benefiċċju ta' l-Artikolu 53(3) għandhom jissostanzjaw li l-konsumaturi jiksibu benefiċċji kontrobalanċjanti (ara f'dan ir-rigward il-paragrafi 57 u 86 hawn fuq).

(104) Id-disponibbiltà ta' prodotti ġodda jew aħjar tikkostitwixxi għajn importanti tal-benessri tal-konsumatur. Sakemm iż-żieda fil-valur li jirriżulta minn dan it-titjib teċċedi kwalunkwe dannu minn żamma jew żjieda fil-prezz ikkawżata mill-ftehim restrittiv, il-konsumaturi huma aħjar milli mingħajr il-ftehim u r-rekwiżit tal-mogħdija lill-konsumatur taħt l-Artikolu 53(3) normalment huwa milħuq. Fil-każijiet fejn l-effett probabbli tal-ftehim huwa li jżid il-prezzijiet għall-konsumaturi fis-suq rilevanti għandu jiġi evalwat b'attenzjoni jekk l-effiċjenzi allegati johlquq valur reali għall-konsumaturi f'dak is-suq sabiex jikkompensaw għall-effetti avversi tar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

3.5. Ir-raba' kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3): Ebdha eliminazzjoni tal-kompetizzjoni

(105) Skond ir-raba' kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3), il-ftehim m'għandux jagħti lill-intrapriża kkonċernati l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati. Fl-aħħar mill-aħħar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni u l-proċess kompetittiv tingħata priorità fuq il-kisbiet ta' effiċjenzi potenzjalment pro-kompetittivi li jistgħu jirriżultaw minn ftehimiet restrittivi. L-aħħar kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) tagħraf il-fatt li l-kompetizzjoni bejn l-intrapriża hija mexxejja essenzjali ta' l-effiċjenza ekonomika, li tinkludi effiċjenzi dinamiċi fil-forma ta' innovazzjoni. Fi kliem ieħor, l-għan aħħari ta' l-Artikolu 53 huwa li jħares lill-proċess kompetittiv. Meta l-kompetizzjoni hija eliminata, il-proċess kompetittiv jin-temm u l-kisbiet ta' l-effiċjenzi fiż-żmien qasir huma

megħluba minn telf f'terminu itwal li jirriżultaw fost l-oħrajn minn spejjeż li jsiru mill-monopolist biex iżomm il-pożizzjoni tiegħu (tfittixija għall-kera), l-allokazzjoni ħażina tar-riżorsi, l-innovazzjoni mnaqqsa u prezzijiet ogħla.

(106) Il-kunċett fl-Artikolu 53(3) ta' l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati hija kunċett tal-liġi taż-ŻEE speċifika għall-Artikolu 53(3)⁽⁹¹⁾. Iżda, fl-applikazzjoni ta' dan il-kunċett huwa meħtieġ li titqies ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 53 u l-Artikolu 54. L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) ma tistax trażżan l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE⁽⁹²⁾. Barra minn dan, ladarba l-Artikoli 53 u 54 it-tnejn għandhom l-għan li jżommu l-kompetizzjoni effettiva fis-suq, il-konsistenza teħtieġ li l-Artikolu 53(3) jiġi interpretat bħala li jipprekludi kwalunkwe applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal ftehimiet restrittivi li jikkostitwixxu abbuż ta' pożizzjoni dominanti⁽⁹³⁾ ⁽⁹⁴⁾. Madankollu, mhux il-ftehimiet restrittivi kollha konklużi minn intrapriża dominanti jikkostitwixxu abbuż ta' pożizzjoni dominanti. Per eżempju, dan huwa l-każ fejn intrapriża dominanti hija parti ta' intrapriża konġunta li m'għandiex il-funzjonijiet sħaħ⁽⁹⁵⁾, li jinstab li jkun jirrestrinġi l-kompetizzjoni iżda fl-istess ħin jinvolvi integrazzjoni sostanzjali ta' l-assi.

(107) Jekk il-kompetizzjoni hijiex qed tiġi eliminata fis-sens ta' l-aħħar kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) jiddependi fuq il-livell tal-kompetizzjoni eżistenti qabel il-ftehim u fuq l-impatt tal-ftehim restrittiv fuq il-kompetizzjoni, jiġifieri t-tnaqqis fil-kompetizzjoni li jiġib il-ftehim. Aktar ma tkun diġà mdgħajfa l-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat, aktar ma jkun ħafif it-tnaqqis ulterjuri meħtieġ biex tiġi

⁽⁹¹⁾ U b'mod speċifiku għall-Artikolu 81(3) tat-Trattat KE, ara l-Kawżi Konġunti T-191/98, T-212/98 u T-214/98, Atlantic Container Line (TACA), għad mhux irrapportat, il-paragrafu 939, u l-Każ T-395/94, Atlantic Container Line, [2002] ECR II-875, paragrafu 330.

⁽⁹²⁾ Ara l-Kawżi Konġunti C-395/96 P u C-396/96 P, Compagnie maritime belge, [2000] ECR I-1365, paragrafu 130. B'mod simili, l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 53(3) ma jrażżanx l-applikazzjoni tar-regoli tal-ftehim ŻEE dwar il-moviment ħieles tal-prodotti, is-servizzi, il-persuni u l-kapital. Dawn id-dispożizzjonijiet f'xi ċirkostanzi jgħoddu għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prattika miftiehma fis-sens ta' l-Artikolu 53(1), ara f'dak is-sens il-Kawża C-309/99, Wouters, [2002] ECR I-1577, paragrafu 120.

⁽⁹³⁾ Ara f'dan ir-rigward il-Kawża T-51/89, Tetra Pak (I), [1990] ECR II-309, u l-paragrafu 1456 tas-sentenza ta' Atlantic Container Line (TACA) iċċitata fin-nota 91.

⁽⁹⁴⁾ Hekk huwa kif il-paragrafu 135 tal-Linji Gwida dwar it-trażżin vertikali u l-paragrafi 36, 71, 105, 134 u 155 tal-Linji Gwida dwar il-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni orizzontali, iċċitata fin-nota 6, għandhom jinftiehem meta jiddikjaraw li bħala prinċipju il-ftehimiet restrittivi konklużi minn intrapriża dominanti ma jistgħux jiġu eżentati.

⁽⁹⁵⁾ L-intrapriża konġunti bil-funzjonijiet kollha, jiġifieri l-intrapriża konġunti li jwettqu fuq bażi permanenti l-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtentika, huma koperti mill-att imsemmi fil-punt 1 ta' l-Anness XIV tal-Ftehim ŻEE (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (Ir-Regolament tal-KE dwar l-Amalgamazzjoni), ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (kif inkorporat fil-Ftehim ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2004 ta' l-8 ta' Ġunju 2004, ĠU L 219, 19.6.2004, p. 13 u s-Suppliment taż-ŻEE għall-ĠU, 19.6.2004, p. 1).

- eliminata l-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(3). Barra minn dan, akbar ma jkun it-tnaqqis tal-kompetizzjoni li jikkawża l-ftehim, aktar ma jkun probabbli li l-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati tissogra li tiġi eliminata.
- (108) L-applikazzjoni ta' l-aħħar kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) teħtieġ analiżi realistika ta' l-għejun differenti tal-kompetizzjoni fis-suq, il-livell tal-limitazzjoni kompetittiva li jimponu fuq il-partijiet tal-ftehim u l-impatt tal-ftehim fuq din il-limitazzjoni kompetittiva. Għandhom jitqiesu kemm il-kompetizzjoni attwali kif ukoll dik potenzjali.
- (109) Filwaqt li l-ishma tas-suq huma rilevanti, id-daqs ta' l-għejun li jifdal tal-kompetizzjoni attwali ma jstax jiġi stmat esklussivament fuq il-bażi tas-sehem tas-suq. Normalment hija meħtieġa analiżi kwalitattiva u kwantitattiva aktar estensiva. Il-kapaċità tal-kompetituri attwali li jikkompetu u l-inċentiva tagħhom li jagħmlu dan għandhom jiġi eżaminati. Jekk, per eżempju, il-kompetituri jiffaċċjaw limitazzjonijiet ta' kapaċità jew għandhom spejjeż ta' produzzjoni relattivament ogħla, ir-reazzjoni kompetittiva tagħhom neċessarjament tkun limitata.
- (110) Fl-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-ftehim fuq il-kompetizzjoni, huwa wkoll rilevanti li tiġi eżaminata l-influwenza tagħha fuq bosta parametri tal-kompetizzjoni. L-aħħar kondizzjoni ta' l-Artikolu 53(3) mhijiex soddisfatta jekk il-ftehim jelimina l-kompetizzjoni f'waħda mill-espressjonijiet l-aktar importanti tagħha. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fejn ftehim jelimina l-kompetizzjoni fuq il-prezz⁽⁹⁶⁾ jew il-kompetizzjoni fir-rigward ta' l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda.
- (111) L-imġiba attwali fis-suq tal-partijiet tista' tipprovdi perspettiva interna fl-impatt tal-ftehim. Jekk wara l-konklużjoni tal-ftehim il-partijiet implimentaw u żammew żjodiet sostanzjali fil-prezzijiet jew wettqu mġieba oħra li tindika l-eżistenza ta' livell konsiderevoli ta' setgħa fis-suq, din hija indikazzjoni li l-partijiet mhumiex soġetti għall-pressjoni kompetittiva reali u li l-kompetizzjoni ġiet eliminata fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati.
- (112) L-interazzjoni kompetittiva fl-imġoddi tista' wkoll tipprovdi indikazzjoni ta' l-impatt tal-ftehim fuq l-interazzjoni kompetittiva fil-ġejjieni. Intrapriża tista' tkun tista telimina l-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(3) billi tikkonkludi ftehim ma' kompetitur li fl-imġoddi kien "maverick"⁽⁹⁷⁾. Dan il-ftehim jista' jibdel l-inċentivi u l-kapaċitajiet kompetittivi tal-kompetitur u b'hekk ineħħi għajn importanti tal-kompetizzjoni fis-suq.
- (113) Fil-każijiet li jinvolvu prodotti differenzjati, jiġifieri prodotti li huma differenti fl-għajnejn tal-konsumaturi, l-impatt tal-ftehim jista' jiddependi fuq ir-relazzjoni kompetittiva bejn il-prodotti mibjugħa mill-partijiet tal-ftehim. Fejn l-intrapriża joffru prodotti differenzjati l-limitazzjoni kompetittiva li jimponu fuq xulxin il-prodotti individwali hija differenti skond il-livell ta' sostitwibbiltà bejniethom. Għalhekk għandu jitqies x'inhu l-livell ta' sostitwibbiltà bejn il-prodotti offriti mill-partijiet, jiġifieri x'inhija l-limitazzjoni kompetittiva li jimponu fuq xulxin. Aktar ma l-prodotti tal-partijiet tal-ftehim ikunu sostituti fil-qrib, aktar ma jkun probabbli l-effett restrittiv tal-ftehim. Fi kliem ieħor, aktar ma jkunu sostitwibbli l-prodotti, aktar ma tkun kbira t-tibdila probabbli kkaġunata mill-ftehim bħala r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq u aktar ma jkun probabbli li l-kompetizzjoni fir-rigward parti sostanzjali tal-prodotti kkonċernati tirriskja li tiġi eliminata.
- (114) Filwaqt li l-għejun tal-kompetizzjoni attwali normalment huma l-aktar importanti, għaliex huma l-aktar faċli biex jiġu vverifikati, l-għejun tal-kompetizzjoni potenzjali jistgħu jitqiesu wkoll. L-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni potenzjali teħtieġ analiżi ta' l-ostakoli għad-dħul li jiffaċċjaw l-intrapriża li mhumiex diġà qed jikkompetu fis-suq rilevanti. Kwalunkwe asserzjoni mill-partijiet li hemm ostakoli baxxi għad-dħul għandha tiġi sostnuta minn informazzjoni li tidentifika l-għejun tal-kompetizzjoni potenzjali u l-partijiet għandhom ukoll jissostanzjaw għaliex dawn l-għejun jikkostitwixxu pressjoni kompetittiva reali fuq il-partijiet.
- (115) Fl-evalwazzjoni ta' l-ostakoli għad-dħul il-possibbiltà reali għal dħul ġdid fuq skala sinjifikanti, huwa rilevanti li jiġi eżaminat, fost l-oħrajn, dan li ġej:
- (i) Il-qafas regolatorju skond l-għan li jiġi ddeterminat l-impatt tiegħu fuq id-dħul ġdid.
 - (ii) L-ispejjeż tad-dħul inklużi spejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati. L-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati huma dawk li ma jistgħux jinġabru lura jekk l-entrat wara joħroġ mis-suq. Aktar ma jkunu għoljin l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati, aktar ikun għoli r-riskju kummerċjali għall-entranti potenzjali.
 - (iii) L-iskala minima effiċjenti fl-industrija, jiġifieri r-rata tal-produzzjoni fejn l-ispejjeż medji huma minimizzati. Jekk l-iskala minima effiċjenti hija kbira meta mqabbla mad-daqs tas-suq, id-dħul effiċjenti x'aktarx ikun ta' spiża ogħla u aktar riskjuż.
 - (iv) Is-saħħiet kompetittivi ta' l-entranti potenzjali. Id-dħul effettiv huwa b'mod partikolari probabbli fejn l-entranti potenzjali għandhom aċċess għal, għall-inqas, teknoloġiji effiċjenti daqs il-monopolisti jew

⁽⁹⁶⁾ Ara l-paragrafu 21 tas-sentenza f'Metro (I) iċċitata fin-nota 56.

⁽⁹⁷⁾ Ara l-paragrafu 97 hawn fuq.

vantaġġi oħrajn kompetittivi li jippermettuhom jikkompetu b'mod effettiv. Fejn l-entranti potenzjali huma f'triq teknoloġika li hija l-istess jew inferjuri meta mqabbla mal-monopolisti u ma għandhom ebda vantaġġ ieħor sinjifikanti, id-dħul huwa aktar riskjuż u inqas effettiv.

- (v) Il-pożizzjoni tax-xerrejja u l-abilità tagħhom li jdaħħlu fis-suq għejun differenti ta' komeptizzjoni. Huwa irrilevanti li xi xerrejja b'saħħithom ikunu jistgħu jiksbu kondizzjonijiet aktar favorevoli mill-partijiet tal-ftehim minn kompetituri aktar dgħajfa⁽⁹⁸⁾. Il-preżenza ta' xerrejja b'saħħithom tista' sservi biss biex tilqa' sejba *prima facie* ta' l-eliminazzjoni tal-kompetizzjoni jekk x'aktarx ix-xerrejja in kwistjoni jwittu t-triq għal dħul ġdid effettiv.
- (vi) Ir-reazzjoni probabbli tal-monopolisti għall-attentat ta' dħul ġdid. Per eżempju l-monopolisti jistgħu, permezz ta' mġieba fl-imgħoddi, ikunu kisbu reputazzjoni ta' mġieba aggressive, li għandha impatt fuq id-dħul fil-futur.
- (vii) Il-perspettiva ekonomika għall-industrija tista' tkun indikatriċi ta' l-attrazzjoni fiż-żmien twil. L-industrija li qed jistaġnaw jew li sejr in lura huma kandidati inqas xierqa għad-dħul minn industrija kkaratterizzati mit-kabbir.
- (viii) Id-dħul fl-imgħoddi fuq skala sinjifikanti jew in-nuqqas ta' dan.
- (116) Dawn il-prinċipji jistgħu jiġu illustrati b'dan l-eżempju ipotetiċu, li mhumiex maħsuba li jstabbilixxu limiti:

Il-kumpannija A hija birrerija, li għandha 70 % tas-suq rilevanti, li jinkludi l-bejgħ tal-birra minn kafetteriji u postijiet oħrajn fuq il-kummerċ. F'dawn l-aħħar 5 snin, A żiedet is-sehem tas-suq tagħha minn 60 %. Hemm erba' kompetituri oħrajn fis-suq, B, C, D u E b'ishma tas-suq ta' 10 %, 10 %, 5 % u 5 %. L-ebda dħul ġdid ma seħħ fl-imgħoddi riċenti u t-tibdil fil-prezzijiet implimentat minn A ġeneralment ġie segwit mill-kompetituri. A tikkonkludi ftehimiet ma' 20 % tal-postijiet fuq kummerċ li jirrappreżentaw 40 % tal-volumi tal-bejgħ fejn il-partijiet kundraenti jintrabtu li jixtru l-birra biss mingħand A għal żmien ta' 5

snin. Il-ftehimiet jgħollu l-ispejjeż u jnaqqsu d-dħul tar-rivali, li huma magħluqa barra mill-ħwienet l-aktar attraenti. Minħabba l-pożizzjoni fis-suq ta' A, li ġiet imsaħħa fis-snin riċenti, in-nuqqas ta' dħul ġdid u l-pożizzjoni diġà dgħajfa tal-kompetituri, x'aktarx li l-kompetizzjoni fis-suq hija eliminata fis-sens ta' l-Artikolu 53(3).

Il-kumpanniji tal-bastimenti A, B, C, u D, li għandhom flimkien aktar minn 70 % tas-suq rilevanti, jikkonkludu ftehim li bih jaqblu li jkkoordinaw l-iskedi u t-tariffi tagħhom. Wara l-implimentazzjoni tal-ftehim il-prezzijiet jogħlew bejn 30 % u 100 %. Hemm erba' provdituri oħrajn, u l-akbar għandha madwar 14 % tas-suq rilevanti. Ma kien hemm ebda dħul ġdid fis-snin riċenti u l-partijiet tal-ftehim ma tilfux sehem sinjifikanti tas-suq wara ż-żieda fil-prezzijiet. Il-kompetituri eżistenti ma ġabu ebda kapacià ġdida sinjifikanti fis-suq u l-ebda dħul ġdid ma seħħ. Fid-dawl tal-pożizzjoni fis-suq tal-partijiet u n-nuqqas tar-reazzjoni kompetittiva għall-kondotta konġunta tagħhom, jista' raġonevolment jiġi konkluż li l-partijiet tal-ftehim mhumiex soġġetti għal pressjonijiet kompetittivi reali u li l-ftehim jagħthom il-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 53(3).

A hija produttur ta' tagħmir elettriku għal utenti professjonali b'sehem tas-suq ta' 65 % ta' suq nazzjonali rilevanti. B hija manifattur li jikkompeti b'sehem tas-suq ta' 5 % li żviluppa tip ġdid ta' mutur li għandu aktar saħħa filwaqt li jikkonsma aktar elettriku. A u B jikkonkludu ftehim li bih jstabbilixxu intrapriża konġunta għall-produzzjoni tal-mutur il-ġdid. B tintrabat li tagħti liċenzja esklussiva lill-intrapriża konġunta. L-intrapriża konġunta tikkombina t-teknoloġija l-ġdida ta' B mal-proċess effiċjenti tal-manifattura u tal-kontroll tal-kwalità ta' A. Hemm komeptituri wieħed ewlieni ieħor li għandu 15 % tas-suq. Kompetitur ieħor li għandu sehem tas-suq ta' 5 % dan l-aħħar inkiseb minn C, produttur kompetitur ewlieni internazzjonali tat-tagħmir elettriku, li huwa stess għandu teknoloġija effiċjenti. Sa issa C ma kienx attivi fis-suq l-aktar minħabba l-fatt li huma meħtieġa mill-konsumaturi l-preżenza u s-servizzi lokali. Permezz tal-kisba C tikseb aċċess għall-organizzazzjoni tas-servizz meħtieġa sabiex tippenetra s-suq. Id-dħul ta' C x'aktarx jiżgura li l-kompetizzjoni mhux qed tiġi eliminata.

⁽⁹⁸⁾ Ara f'dan ir-rigward il-Kawża T-228/97, Irish Sugar, [1999] ECR II-2969, paragrafu 101.